**Qorti Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Att ta' Akkuza Nru: 10 / 2022**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Omissis A**

**Illum 6 t' Ottubru, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat, Omissis A detenur tal-karta tal-identita' Maltija 396556(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli;

**L-EWWEL (1) KAP**

*Partecipazzjoni f' attivitajiet sesswali ma' persuni ta' taħt l-eta' ta' sittax (16) - il sena*

Il-fatti:

Illi, nhar l-ewwel (01) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), il-Pulizija Eżekuttiva rċeviet referral minn coordinator tas-Servizz għall-Harsien tat-tfal fi ħdan

id-Direttorat għall-Harsien tal-Minuri, liema referral kien jirrigwardja allegat abbuż sesswali fuq Omissis B, minuri ta' tnax (12) -il sena;

Illi, in vista ta' dan ir-rapport, il-vittma ġiet mitkellma mill-Pulizija fejn hija stqarret li nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30hrs), hi flimkien mal-ġenituri tagħha u oħtha iżgħar minnha kienu mistednin u fil-fatt marru fid-dar tal-partner tal-akkużat **Omissis A** ġewwa ż-Żejtun sabiex iqattgħu ftit hin flimkien u wkoll jieklu flimkien.

Illi, hekk kif kienu kollha flimkien iddeċidew li jordnaw xi pizzez mingħand l-*Istanbul Kebab House*, li jinsab Bir id-Deheb. Hekk kif dawn il-pizzez kienu lesti biex jinġabru, **Omissis B** uriet ix-xewqa li tmur mal-akkużat **Omissis A** sabiex jiġbru l-pizzez, u hekk sar. Rikbu fil-karozza tal-akkużat **Omissis A**, b'Omissis B riekba ma genbu fuq is-seat tal-passiġġier, l-akkużat **Omissis A** għall-pizzez miż-Żejtun sa Bir id-Deheb. Hekk kif waslu ġewwa l-*Istanbul Kebab House*, il-pizzez kienu lesti u gabruhom mingħajr problemi. Minn hemmhekk rikbu lura fil-karozza u l-akkużat **Omissis A** qalilha li kellu bżonn jgħaddi sal-garaxx għax kellu bżonn jara xi ħaġa. Waqt li kienu sejrin lejn il-garaxx, Omissis B bdiet titkellem mal-akkużat **Omissis A** dwar l-esperjenza li hija kellha mal-boyfriend li kellha qabel u qaltlu li kienu jagħmlu l- *french* kiss. Hekk kif waslu l-garaxx, l-akkużat **Omissis A** staqsa lil Omissis B jekk riditx li jurieha kif tagħmilha sewwa l-*french* kiss u Omissis B qaltlu 'ok. L-akkużat **Omissis A** bexxaq il-bieb tal-garaxx, u wara spjegalha x'kellha tagħmel biex tagħmel *french* kiss, u Omissis B segwiet l-istruzzjonijiet tiegħu. Wara li għamlu l-*french* kiss, l-akkużat Omissis A staqsa lil Omissis B jekk riditx li 'juruh', u wara li fehmet x'ried jgħid, hija qaltlu 'ok'. L-akkużat Omissis A niżżel il-qalziet u wera l-organu sesswali tiegħu lil Omissis B. Wara dan, għalkemm Omissis B bdiet tħossha skomda, hija niżżlet il-jeggings li kienet liebsa u urietu l-parti privata tagħha. Wara, l-akkużat **Omissis A** talabha biex turieh sidirha, u Omissis B obdietu, bl-akkużat **Omissis A** jaqbdilha sidirha u għafasulha. F'dan l-istadju l-akkużat **Omissis A** staqsa lil Omissis B jekk riditx li 'jdaħħluh', u fil-fatt dak il-ħin l-akkużat **Omissis A** daħħal l-organu sesswali tiegħu ġol-organu sesswali ta' Omissis B għal mument qasir. Wara, l- akkużat **Omissis**

**A** staqsa lil Omissis B jekk riditx li 'jdaħħalulha Pħalqha', u wara li qaltlu 'ok', l-akkużat **Omissis A** taha struzzjonijiet kif kellha tagħmel dan. Imbagħad l-akkużat **Omissis A** lagħaq il-parti privata ta' Omissis B. Wara dan kollu, l-akkużat **Omissis A** qal lil Omissis B biex 'idaħħluh' u jagħmlu l-french kiss fl-istess ħin, u hekk għamlu. Wara dan kollu, l-akkużat **Omissis A** flimkien ma' Omissis B rritornaw lejn id-dar fiż-Żejtun bil-pizzez fejn fuq suggeriment tal-akkużat **Omissis A** ġabu skuża li l-Istanbul Kebab House kien tahom pizza nieqsa, sabiex jiġġustifikaw id-dewmien tagħhom;

Illi, wara dan l-aġir tal-akkużat **Omissis A** fil-konfront tagħha, il-vittma Omissis B, kienet fethet qalbha nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) mal-*LSE* tal-iskola tagħha, li kienet imbagħad irreferiet il-każ lill-Kap tal-iskola li min-naħa tagħha irreferew il-każ lid-Direttorat għall-Harsien tal- Minuri li susegwentement irreferew il-każ lill-Pulizija Eżekuttiva;

Illi, ta' min jingħad li l-akkużat **Omissis A** huwa l-*partner* tan-neputija ta' omm il-minuri Omissis B, u għaldaqstant f'għajnejn Omissis B din tqisu bħala z-ziju tagħha;

Illi, dan ir-reat huwa wieħed aggravat *ai termini* tal-liġi *stante* li sar fuq persuna ta' taħt il-ħmistax (15) -il sena u kif ukoll sar minn persuna li abbuża b'pożizzjoni ta' fiduċja rikonoxxuta u li jitqies bħala membru tal-familja tal-minuri.

<u>Il-konsegwenzi:</u>

Illi, għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Omissis A** sar hati talli, nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), ġewwa l-Gżejjer Maltin, **ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax (16) -il sena,** b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess fuq persuna vulnerabbli, u cioe' persuna ta' taħt il-ħmistax (15) -il sena u l-istess reat twettaq minn persuna li abbużat b'pożizzjoni ta' fiduċja rikonoxxuta.

*L-akkuża*:

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill- akkużat **Omissis A** ħati talli nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), wara s-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30hrs), ġewwa l-Gżejjer Maltin, **ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax (16) -il sena**, **u ċioe ma' Omissis B**, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess fuq persuna vulnerabbli, u cioe' persuna ta' taħt il-ħmistax (15) -il sena u l- istess reat twettaq minn persuna li abbużat b'pożizzjoni ta' fiduċja rikonoxxuta.

<u>Il-piena mitluba:</u>

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Omissis A** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija **minn sitta (6) sa għoxrin (20) sena,** skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 204ċ, 208AC (1)(b)(g), 208AC(2)(a), 383, 384, 385, 412ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Omissis A.**

| |
|---|
| **<u>IT-TIENI (2) KAP</u>**<br>***Korruzzjoni ta' tfal ta' taħt l-eta' ta' sittax (16) -il sena*** |

<u>Il-fatti:</u>

Illi, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, data, lok u fatti imsemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' l-Att ta' Akkuża, l-akkużat **Omissis A**, nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), wara s-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30hrs), ġewwa garaxx fiż-Żejtun, bies b'mod sesswali u cioe' *french kiss* lil Omissis B, għafsilha sidirha, daħħal l-organu sesswali tiegħu fl-organu sesswali tal-istess minuri Omissis B, kif ukoll għamel sess orali mal-istess billi daħħal l-organu sesswali tiegħu f'halq Omissis

B u wkoll lagħaq il-parti privata tal-istess Omissis B, tifla minuri ta' tnax (12) -il sena, u kwindi ta' taħt l-eta' ta' taħt is-sittax (16) -il sena;

Illi dan kollu seħħ meta l-ġenituri tal-minuri Omissis B f'daw lil binthom sabiex tmur tiġbor il-pizzez mal-akkużat **Omissis A**;

Illi, kwindi, l-akkużat **Omissis A** wettaq għemil zieni li qanqal konkupixxjenza ta' tifla ta' taħt l-eta' ta' sittax (16) -il sena u kien konsegwenza tal-korruzzjoni tagħha.

Il-konsegwenzi:

Illi, għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Omissis A sar hati talli, nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), gewwa l-Gżejjer Maltin, **b'għemil zieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta' ta' sittax (16) -il sena**.

L-akkuża:
Għaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill- akkużat **Omissis A** ħati talli nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), wara s-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30hrs), ġewwa l-Gżejjer Maltin, **b'għemil zieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta' ta' sittax (16) -il sena, u ċioe lil Omissis B**.

Il-piena mitluba:
Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Omissis A** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija **minn erbgħa (4) sa tmien (8) snin**, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 203, 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Omissis A**.

**IT-TIELET (3) KAP**

***Istigazzjoni eċċ., ta' kurruzzjoni ta' tfal ta' taħt l-eta'***

Il-fatti:

Illi, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, data, lok u fatti imsemmija fl-ewwel żewġ kapi ta' l-Att ta' Akkuża, l-akkużat **Omissis A**, nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), wara s-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30hrs), ġewwa garaxx fiż-Żejtun, issuġġerixa diversi atti sesswali sabiex huwa jagħmel flimkien mal-minuri Omissis B. L-akkużat **Omissis A** ta struzzjonijiet lil Omissis B sabiex din titgħallem tagħmel il-*french kiss*, taha struzzjonijiet ukoll kif l-istess Omissis B kellha tagħmel is-sess orali fuqu, kif ukoll għamel sess orali fuqha

Illi dan kollu seħħ meta l-ġenituri tal-minuri Omissis B fdaw lil binthom sabiex tmur tiġbor il-pizzez mal-akkużat **Omissis A**;

Illi, kwindi, l-akkużat **Omissis A** eċċita, ghin, jew iffaċilita' l-korruzzjoni ta' persuna ta' taħt l-eta'.

Il-konsegwenzi:

Illi, għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Omissis A** sar hati talli, nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), ġewwa l-Gżejjer Maltin, **b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-artikolu 203 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, eċċita, għin jew ffaċilita' l-korruzzjoni ta' persuna ta' taħt l-eta' tas-sess il-wiehed jew l-ieħor, u cioe ta' Omissis B, minuri ta' tnax (12) -il sena**.

L-akkuża:

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fisem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill- akkużat **Omissis A** ħati talli nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-

sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), wara s-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30hrs), ġewwa l-Gżejjer Maltin, **b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta, eċċita, għin jew ffaċilita' l-korruzzjoni ta' persuna ta' taħt l-eta' tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, u cioe ta' Omissis B, minuri ta' tnax (12) -il sena**.

<u>Il-piena mitluba</u>:

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-liġi kontra l-akkużat **Omissis A** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija **minn tlieta (3) sa sitt (6) snin**, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 203A, 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Omissis A**.

Semghet lill-partijiet jindirizzaw lil Qorti, l-Avukat Generali tghid ghaliex din il-Qorti ghandha issib htija fil-konfront tal-akkuzat fir-rigward tat-tlett akkuzi u d-difiza ssostni li l-akkuzi ma jistghux jirrizultaw provati u dan ghaliex fil-fehma taghha l-akkuzat huwa iktar kredibbli u l-verzjoni tal-fatti kif moghtija minnu *a tempo vergine* u kif konfermata minnu quddiem din il-Qorti fuq il-pedana tax-xhieda mehuda minnu ghandha iktar mis-sewwa.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u wara li semghet l-indirizz tad-difiza ghaddiet sabiex tisma l-unika xhud prodott minnha u cioe' lil Omissis F.

Semghet ir-replika tal-Avukat Generali u l-kontro-replika tal-istess difiza.

Rat id-dokumenti kollha inseriti fl-atti.

<u>**Ikkunsidrat,**</u>

Illi kif tajjeb stqarret id-difiza fil-ftuh tal-indirizz taghha huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-akkuzat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale:

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit[1]".*

Il-Qorti zzid mas-suespost u tghid li huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il- Pulizija vs. Philip Zammit et**[2] u tghid pero' li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**[3], dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Jinghad ukoll f'dan l-istadju li jekk id-difiza trid tressaq xi prova in sostenn ta' xi fatt, il-grad ta' prova li jrid jigi milqugh minnha huwa daqs il-grad tal-probabbli u dan qed jinghad ghaliex f'dan il-kaz, id-difiza ressqet lil Omissis F.

---

[1] Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890
[2] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994
[3] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997

Din il-Qorti ticcita l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **<u>Miller vs. Minister of Pension</u>**[4] - tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*, u dan ghaliex dan huwa l-grad tal-prova li jrid jigi milqugh mill-istess prosekuzzjoni bil-provi li tressaq in sostenn tal-akkuzi minnha moghtija. Inghad f'din is-sentenza ahharija li:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice"*

Biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita' b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita', jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż, li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

---

[4] 1974 - 2 ALL ER 372

Fil-każ Ingliż **Majid**,[5] Lord Moses stqarr hekk :

> *'Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.'*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence,** Adrian Keane u Paul McKeown[6] jgħidu s-segwenti : -

> *'In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.'*

Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

---

[5] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[6] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati hati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule,* ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> *'Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.'*
>
> *L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn*

*dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.'*[7]

Illi din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara**[8] fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[9] qalet hekk:-

*'Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*

*Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn**[10] il-Qorti qalet*

---

[7] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[8] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002
[9] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012,
[10] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs.Dennis Pandolfino**[11] **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** [12], **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech,**[13] **Il-Pulizija vs.Mohammed Mansur Ali**[14], **Il- Pulizija vs. Mario Pace**[15] u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt.)**[16]

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace,**[17] il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet is-segwenti;-

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrieh fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9"*

Illi l-Qorti wkoll taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** [18] fejn inghad is-segwenti:

---

[11] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 t' Ottubru 2006
[12] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2012
[13] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2012.
[14] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl- fl-24 ta' Jannar 2013
[15] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid -6 ta' Frar 2013
[16]Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil- 31 ta' Ottubru 2013.
[17] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013

[18] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid- 19 ta' Mejju 2014

*"Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'.*

Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-*hearsay* u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti peress li parti mix-xiehda prodotti f'dan il-każ jistrieħu esklussivament fuq dak li qaltilhom il-protagonista f'dan il-każ.

L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-*hearsay evidence*, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **'598.** *(1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.*
> *(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.*
> *(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il--mistoqsijiet.*
>
> **599.** *Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta'*

*mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.'*

Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet : **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-*hearsay evidence* kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

*'Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:*

*'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'*

Fil-fatt fil-kawża '**Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija'** il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

*'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konlużjoni tal-ewwel qorti (li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'*

Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-*hearsay* m'għadhiex stretta daqs qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ **'Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom'** tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

> *'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'*

Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresjeda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx violazzjoni tal-artikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti dak li stqarret Katia Muscat jikostitwixxi biss *hearsay* fuq dak li gie rrapurtat lilha mhux l-allegat vittma izda terza persuna. Jinghad ukoll illi anke dak li qalet l-Ispettur Kylie Borg, per ezempju fuq il-garaxx jikostitwixxi *hearsay* ghaliex hi fl-ebda hin ma hasset il-htiega li tidhol fil-garaxx taz-Zejtun. Illi ghalhekk anke f'dan il-kaz, din il-Qorti hi rinfaccata b'certu xhieda li tammonta ghal *hearsay evidence* (Ara: **Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC**).
Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-*hearsay rule* f'kawżi ta' natura kriminali huwa **Subramaniam v. Public Prosecutor** fejn insibu dan il-kliem:

> *'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

Illi l-fatt illi certu xhieda jikostitwixxu xhieda hearsay ma jfissirx li m'humiex xhieda ammissibli, izda zgur ma jammontawx ghal xhieda tal-verita' o meno ta' dak mistqarr minnhom izda tammonta ghal xhieda li tali konversazzjoni nzammet. Ghalkemm tali provi mhux desederabbli ghaliex iridu jigu ezaminati b'hafna reqqa u hija prattika legali li tali xhieda tibqa' wahda ammissibbli specjalment meta jkun il-kaz li l-vittma tkun tkellmet sabiex tesprimi dak li ghaddiet minnu. Mhux l-istess jista' jinghad f'kaz li l-akkuzat tkellem ma xi hadd dwar dak li ghadda minnu ghaliex tali xhieda ma tkunx tekwavali ghal xhieda *hearsay*, izda tirrizulta li tkun xhieda res geste, liema xhieda tikostitwixxi prova fi proceduri penali u ghandha tinghata l-istess valur daqskemm kieku dik ix-xhieda inghatat viva voce mill-akkuzat fuq pedana tax-xhieda.

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipju appena spjegat allura ċerti persuni li magħhom tkellemet l-allegata vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, LSA, social worker u l-ġenituri tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qalet hekk. Tali xhieda pero' hija biss prova li l-allegat vittma tassew qalet hekk, iżda mhux li dak li qed tgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel

sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-*hearsay rule* fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-*hearsay rule.* (Ara dwar dan il-punt: **Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja**). Intant il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

> *'Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.'* (vide 1 t'April 2011 ' **Il-Pulizija versus Fabio Schembri'** preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

**Ikkunsidrat ulterjorment,**

Illi kif tajjeb osservat il-prosekuzzjoni f'dan il-kaz, f'din il-kawza ma hemm l-ebda xhud okulari ta' dak li gie rrapurtat u l-unici protagonisti veri huma l-akkuzat li jichad in toto dak li gie allegat fil-konfront tieghu u l-allegata vittma li abbazi tax-xhieda taghha, l-prosekuzzjoni bniet il-kaz taghha. Jinghad ukoll ghalhekk li din il-Qorti apparti li taghti widen ghal provi cirkostanzjali ghandha taghti mportanza kbira lejn il-kredibbilta' ta'dawn iz-zewg xhieda. Qabel ma din il-Qorti ser titkellem fuq il-kwistjoni ta' kredibbilta' o meno thoss li ghandha taghmel referenza lejn l-importanza ta' provi ndizzjari li wkoll isawru l-process in dizamina.

Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-akkuzat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti

mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci. F'kaz bhal dan fejn il-provi diretti jkunu xotti, huwa dover tal-Qorti sabiex tqis il-provi kollha mressqa, inkluz dawk indiretti li jistghu b'xi mod jitfghu dawl fuq il-kredibbilta' tax-xhieda.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lee Borg,**[19] fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi.

Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-akkuzat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-akkuzat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**[20]:

> *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu Criminal Practice[21] b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** [22] jghid:

[19] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998
[20] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961
[21] 1997 Edition Para 10-3
[22] 1952

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-pozizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet kkonfermata b'sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**[23].

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' kif sehhet il-grajja.

Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin. Jinghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-akkuzat li gie investigat a tempo vegine tal-investigazzjoni baqa' konsistenti fil-verzjoni tal-fatti u cioe' fic-cahda tieghu ghal dak allegat fil-konfront tieghu f'kull hin tal-istqarrija tieghu. Waqt li mill-banda l-ohra ghandna l-minuri Omissis B li taghti l-verzjoni taghha f'diversi istanzi fejn jirrizulta li kien hemm numru ta' inkonsistenzi f'dak li hija qalet meta tqis dak li qalu xhieda ohra, dwar dak li hija rrelatat lilhom.

[23] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998

Illi għalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bħala Ġudikant il-Qorti għandha tqies l-imġieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi oħra tax-xhieda tiegħu u jekk ix-xhieda hiex imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jiġi rilevat f'dan il-każ illi kemm l-akkużat, kif ukoll l-allegata vittma ma xehdux *viva voce* quddiem din il-Qorti, izda din il-Qorti kellha tistrieħ fuq l-istqarrija rilaxxata mill-akkużat a *tempo vergine* b'mod audio viziv, fejn allura din il-Qorti setgħet tqis l-imġieba tiegħu. Fir-rigward tal-allegata vittma, din irrilaxxat ix-xhieda tagħha tramite r-rapport li għamlet lil LSA tagħha Marvic Mifsud, liema xhieda ttieħdet permezz ta' *recording* għalkemm mhux waħda audio-viziva, kif ukoll xhieda audio-viziva quddiem il-Maġistrat fl-atti tal-kumpilazzjoni ftit żmien wara li hi għamlet r-rapport mal-LSA.

Illi l-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni dak kollu li ingħad hawn fuq meta tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-akkużi addebitati fil-konfront tal-akkużat. Illi l-verżjoni tal-fatti kif esposti mill-akkużat għandhomx aktar mis-sewwa u jekk humiex verosimili fid-dawl ta' dak li rrapurtat il-kwerelanti. Illi jingħad illi ma hemmx kontestazzjoni dwar fatt illi l-akkużat akkumpanja lill-allegata vittma fil-garaxx tiegħu ġewwa ż-Żejtun nhar id-29 ta' Mejju, 2021 pero' din il-Qorti trid tara jekk effettivament huwiex minnu li l-akkużat wera l-mutur tiegħu lill-allegata vittma *sic et simplicite* waqt li hu baqa' barra jew jekk huwa l-akkużat flimkien mal-vittma kkommettewx atti ta' sesswalita ġewwa dan il-garaxx dakinhar tad-29 ta' Mejju, 2021.

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi għandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali iżda l-provi għandhom jiġu analizzati flimkien fl-assjem tagħhom sabiex wieħed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni raġjonevoli u legali jista' jagħti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab ħtija jew nuqqas ta' ħtija sempliċiment fuq analiżi individwali jew separata tal-provi. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu

l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi, kif se jaghzel is-sikkrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-ghemil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti[24].

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *'Id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz.'*

[24] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

Hawnhekk il-legislatur ried li l-gudikant sabiex jaghzel is-sikkrana mill-qamh li jqis certu dettal fir-rigward ta' imgieba, il-manjiera ta' kif xhud igib ruhu meta jigi mistoqsi d-domandi u cioe' jekk iwegibx, jekk hux reluttanti, jekk hux anzjuz li jwiegeb, jekk jurix dubbju f'dak li qed jghid u jekk jaghmilx *eye-contact* ma' min qed isaqsih. Fir-rigward ta' kondotta l-Qorti trid tqies il-*mannerisms* tieghu u f'sens ta' *body language* u komportament. Trid tqis ukoll l-karattru ta' xhud u cioe' jekk hux misthi, riservat jew inkella kif giet deskritta l-vittma stess '*without boundaries*'. Trid tara jekk dak li qalu x-xhieda u hawnhekk issir referenza kemm lejn ix-xhieda tal-akkuzat, kif ukoll dik tal-vittma jekk dak li qalu hux minnu u jekk hux attendibbli. Il-Qorti trid tqis ukoll in konkluzjoni ma dan l-ezercizzju, kull fattur iehor li jista' b'xi mod jikollabora jew icahhad dak li effettivament ikun intqal mix-xhieda u dan bil-ghan li jsir tishieh fix-xhieda li hija sejra tabracca bhala veritiera.

**<u>X'IRRIZULTA MIX-XHIEDA</u>**

L-**Ispettur Kylie Borg** xehdet nhar l-4 ta' Ottubru 2023 quddiem din l-Onorabbli Qorti u tghid li kienet irceviet *referral* minghand certu Katia Muscat mid-Direttorat tal-Harsien tat-Tfal – *referral* li kien jikkoncerna Omissis B tifla ta' tnax-il sena li tattendi l-iskola San Gorg Preca Blata l Bajda Middle School. Kienet giet infurmata li Omissis B kienet fethet qalbha mal-LSE ta' l-iskola fejn tattendi u cioe' ma' Marvic Mifsud illi s-Sibt 29 ta' Mejju 2021, Omissis B spjegatilha li kienet marret ghand iz-ziju u iz-zija taghha gewwa iz-Zejtun ghaliex iz-ziju kellu l-birthday.

Nhar it-2 ta' Gunju 2021 hija flimkien ma' PC 2304 Andrea Tanti marru fl-iskola msemmija fejn ghamlet arrangamenti biex ikun hemm prezenti Sarah Xuereb mic-child protection services waqt li titkellem mal-minuri. Hija tkelmet mal-Head of School u cioe' Annabel Borg Gaffarena illi din kienet diga taf li student ta' l-iskola taghha kienet tkelmet mal-LSE Marvic Mifsud. Hija iltaqghet ma' Omissis B izda din uriet ix-xewqa li tkellimha quddiem il-Head ta' l-iskola Ms Borg Gaffarena.

Omissis B spjegatilha kif is-Sibt 29 ta' Mejju, 2021 kienu marru bhala familja ghand iz-zija u l-adulti iddecidew li ghandhom jixtru xi pizza takeway minn Bir id-Deheb. Dan kien vera vicin minn fejn kienu. Omissis B qalet li xtaqet tmur maz-ziju Omissis A biex jigbor il-pizza u teqlet mieghu. Jigi ccarat li Omissis A kien il-partner tan-neputija t'omm Omissis B, Omissis D. Omissis B qalet li l-karozza taz-ziju kienet 'mazza', ta' lewn ahmar u kellha tigra fuqha. Qaltilha li rikbet fuq quddiem u bdiet titkellem maz-ziju fuq il-*boyfriend* taghha Jamie. Fethet qalbha mieghu u qaltlu kif din kienet taghmel *french kiss* mieghu. F'dak il-mument iz-ziju staqsiha jekk riditx taghmel *french kiss* mieghu u wegbitu li kien ok. Wara, waslu fil-garaxx u ghalqu il-bieb warajhom u dan ghamluh biex in-nies ma jarawhomx. Irrakontatilha kif graw l-affarijiet u cioe' li bdew billi z-ziju uriha kif taghmel *french kiss.* Qallha li biex iddahhal ilsienha go halqu u tilghaqlu ilsienu. Hi ghamlet hekk u fi kliemha dahlet lsienha u laqitlu xufftejh. Skond it-tifla dan dam xi zewg minuti.

Wara li tbewsu huwa staqsiha '*trid nuruh'* u hi wiegbet *ok* u skond Omissis B hu staqsiha min kien ser jibda. Fejn hi qaltlu 'inti' u nizzel il-qalziet 'l isfel u uriha il-parti tieghu. Hija qaltlu li bdiet tisthi li ghandha gungla hemmhekk b'referenza ghall-parti privata taghha u dan qalilha li sabieh bis-suf allura hassitha komda. Ftakret li kienet liebsa *leggings* grizi sa taht irkoptejha u flok nofs komma. Nizlet il-*leggings* u il-panty u baqghet bilwieqfa.

Omissis B ziedet tghid li wara li urew il-parti taghhom lil xulxin iz-ziju qalilha '*trid indahhluh*?' u hi qaltlu 'x'indahhluh?'. Wara li fehmitu dan dahhal il-parti tieghu f' taghha ghal sekonda u hargu. Talbet lil Omissis B tispjega il-pozizzjoni li kienu hadu sakemm iz-ziju taghha dahhal il-parti tieghu fil-parti taghha u hi spjegat li kienet poggiet idejha ma spaltu, iz-ziju tbaxxa minn irkuptejh sakemm gew zaqq ma zaqq u hemmhekk imbaghad kien sar l-att kif diga xehdet. It-tifla kienet ecitatata hafna u kellha l-*butterflies* izda kienet taf li dan kien hazin. Stqarret li dak il-hin hasset ferh kbir ghax hi dejjem *lonely*. Kompliet tghid li kienet taf li dawn huma affarijiet hziena imma xorta hasset ferh kbir. Il-minuri kompliet tghid illi iz-ziju staqsiha jekk riditx iddahhlu

f'halqha u hi qaltlu okay bhal *lollipop suck*. Spjegat illi l-parti tieghu kienet baqghet ratba, anke meta dahlitha f'halqha.

Wara dan kollu Omissis B spjegat li kienu tellghu il-qalziet, ghamlu *french kiss,* fethu il-bieb ta' barra tal-garaxx, marru fil-karozza u telqu 'l hemm. Hi kienet qatlu sabiex jergghu jiltaqghu u jirrepetu dak li kienu ghamlu u dan qallha okay. Fil-karozza huma u sejrin id-dar fiz-Zejtun ftiehmu sabiex lill-partner tieghu u lil genituri taghha jghidulhom li damu ghaliex tal-pizza ha zball u minflok hames pizzez kien tahom erbgha ghax ta wahda lil hadddiehor allura kellhom jistennew li ssir pizza ohra. L-akkuzat kien qalilha li hi '*evil genius*' u ghaliex kienet hi li harget bl-idea ta' din l-iskuza tal-pizza. It-tifla kienet qaltlu li xtaqet li dak li kien sar jerga jsir.

L-Ispettur tghid illi meta nterrogat lill-akkuzat dan kien qabel ma' xi punti li kienet semmiet it-tifla u cioe' li l-familja taghha kienu marru ghandhom u fthemu li jgibu take-away. Qablu wkoll li t-tifla marret mieghu ghat-take away u li hadha l-garaxx imma filwaqt li huwa jghid li dan sehh ghaliex Omissis B bdiet teqred sabiex tara l-mutur, Omissis B tghid kuntrarjament ghal dak li stqarr l-akkuzat li kemm hi, kif ukoll l-akkuzat dahhlu fil-garaxx u ghamlu attivitajiet sesswali.

L-Ispettur staqsiet lill-akkuzat kellux xi kundizzjoni medika fil-parti tieghu, hu wiegeb li iva. Saqsietu kienx tkellem mat-tifla dwar dan, hu wiegeb li le. Saqsietu mela kif it-tifla kienet spjegat kif il-parti tieghu kien imwaqqaf medium u meta dahhalulha f'halqha kien soft, hu wiegeb forsi ghaliex kienet taf li hu xih. Mistoqsi ghaliex ma riedx jiehu t-tifla l-bandli hu wiegeb ghaliex ma riedx li jidher wahdu maghha l-bandli.
In kontro-ezami l-Ispettur tghid li kienet ilha 3 snin *vice-squad* u ilha 22 sena pulizija. Tikkonferma li l-akkuzat kellu zewg (2) garaxxijiet wiehed il-Hamrun u wiehed iz-Zejtun. Hi d-diskrezzjoni tal-garaxx spjegatu kif qaltilha Omissis B. Kienu marru Omissis B, ommha u pulizija mat-toroq taz-Zejtun sabiex ifittxu l-garaxx. Hi fizikament ma marritx fuq il-post. Fil-kors tal-investigazzjoni dan il-garaxx ma nfetahx. Il-pulizija qalulha li CCTV cameras ma kienx hemm u hi qadet fuqhom. Ma

hassitx il-htiega li tfittex f'dan il-garaxx peress li l-verzjoni tal-akkuzat u ta' Omissis B dwar il-garaxx qablet. Hi kkonfermat li gew iccekjati CCTVs tal-Four Ts madankollu ma deher xejn u l-vettura ma dehritx. Hi tghid li ma kellha l-ebda dubbju li Omissis B u l-akkuzat marru hemmhekk ghaliex it-tnejn qablu li kienu marru hemm.

Hi vverifikat il-verzjoni ta' Omissis B mal-akkuzat stess. Il-frazi *'evil genius'* kienet fin-noti taghha u ma tafx uzatiex quddiem l-ewwel Qorti. Gie kkonfermat illi din il-frazi uza s-Surgent Tanti quddiem l-ewwel Qorti. Omissis B kienet tbati minn kundizzjoni u li l-genituri taghha kienu ilhom jiehdu hsiebha minn madwar erba' snin. Fil-kumpilazzjoni kien hemm espert mediku Dr Taylor East li kellha access ghall-file mediku ta' Omissis B. Tghid li hi ma kellmitx lil Dr Doriette Soler fil-kors tal-investigazzjoni. Hi tghid li titlob ghall-ftuh t'inkjesta meta jkollha xi dubbju. Madankollu f'dan il-kaz hi ma kellhiex u ghalhekk qadet fuq il-verzjoni ta' Omissis B. Hi tghid li ma kellhiex access ghall-video tal-LSE Marvic Mifsud. Ikkonfermat li quddiem l-Istanbul Kebab House dak iz-zmien ma kienx hemm poles f'nofs ta'triq. Ma tiftakarx li kien hemm xi xogholijiet strutturali f'Santa Lucija.

**Dr Astrid Camilleri** xehedet ukoll fl-istess jum u spjegat li hija ginekologa u ilha tiprattika il-professjoni ghal hamsa u tletin sena. Hi tikkonferma li hija kienet giet nominata biex tezamina lil Omissis B ta' tnax-il sena u dan ghaliex kien hemm possibilita' li kien hemm attivita' sesswali. Tghid li dan x'aktarx sehh fid-29 ta' Mejju 2021 minn dak li qalet il-minuri u li ma hassitx ugiegh u insistiet li kien hemm penetrazzjoni. Qaltilha li kien hemm xi inkontri sesswali qabel ma sar dan l-att ma' persuna ohra u cioe ma' guvni li kienet tohrog mieghu. Ikkonkludiet li id-demm li rat fit-2 ta' Gunju 2021 kien il-bidu ta' menstruazzjoni li qatt ma kien kellha qabel. Hija ratha fl-14 ta' Lulju 2021 ghaliex lejliet kienet regghet rat id-demm ghat-tieni darba u meta ezaminata ma kien hemm l-ebda sinjal ta' trawma fil-parti genitali taghha.

Tikkonferma illi Omissis B kienet zviluppata fizikalament u meta ezaminatha jidher li l-gilda tal-parti taghha ma kinitx intatta, dak li jghidu l-*hymen* ma kienx jidher li kien hemm hafna atti sesswali minn naha taghha fil-passat. Hija kienet qaltila li l-inkontru

sesswali kien sar bil-wieqfa u ghal ftit sekondi. Omissis B qaltilha li hija kellha attivitajiet sesswali ma' *boyfriend* taghha izda isem u kif kienu dawn l-atti sesswali ma specifikatx. Mistoqsija min kien mar maghha ghal din l-ezaminazzjoni hija tghid li kienet marret ma' ommha u kienet dahlet maghha.

**Keith Cutajar** xehed ukoll nhar l-4 t' Ottubru, 2023 u kkonferma li hu espert digitali u li kien mahtur mill-Ewwel Qorti nhar il-11 ta' Ottubru 2021 fejn gie mitlub jaghmel *extraction* ta' *recordings* awdjo vizivi tat-31 ta' Mejju 2021 ta' Ms Marvic Mifsud li spjegat li fuq il-mobile phone taghha kellha xi materja li xtaqet tigi pprezentata. Marvic Mifsud kienet iltaqghet mal-pulizija fit-13 ta' Ottubru, 2021 u hemmhekk sar l-extraction u din giet esebita u mmarkata bhala Dok KC1.

**Marvic Mifsud** tghid li hija kienet l-LSA ta' Omissis B gewwa l-iskola San Gorg Preca u tiftakar li nhar it-31 ta' Mejju 2021 kien jum it-Tnejn kienu bejn l-lezzjonijiet. Omissis B qaltilha jekk setghetx tghidilha dak li kien gara matul il-weekend. Qaltilha li s-Sibt iz-ziju kellu l-birthday u tahseb li z-ziju ihobbha hafna u li hi naqra specjali ghalih u qaltilha li kien biesha. Hi harget lit-tifla l-barra u poggietha fuq bank u qaltiha biex tibda mill-bidu. Qaltilha li z-ziju kellu l-birthday u marru kollha ghand iz-zijiet u ordnaw il-pizzez. Qaltilha li huma u sejrin id-dar marru f'garaxx taz-ziju u dan ghalaq il-bieb u beda ibusha u qaltilha li dak il-hin lanqas kienet taf taghmel *french kiss*. Dan beda jispjegalha x'taghmel u li trid iddahal ilsienha u hu jaghmel l-istess u hekk ghamlu u hadet pjacir. Wara qaltilha li kien dahhalulha. Qaltilha li kien sakkar il-bieb u qalilha biex jikxfu l-parti taghhom biex juru l-parti taghhom lil xulxin. Qaltilha li nezghet u qaltlu li ghandha is-suf mal-parti taghha u hu qallha li ma jimpurtax li joghgbu hekk. Hemmhekk dahhal l-organu sesswali tieghu fil-parti privata taghha. Imbaghad libsu u ma gara xejn iktar hemmhekk. Qaltilha li laqghu il-parti ta' xulxin l-ewwel tieghu u mbaghad ghamel hekk lilha. Qaltilha li kellha lapes f'idejha u bdiet toriha kif. Qaltilha li hadet pjacir tbus il-parti tieghu u fit-triq din saqsietu sabiex jergghu jaghmluha u dan qalilha li jekk jergghu jmorru ghandhom kienu jippruvaw jergaw jaghmluha. Hi qalet li kienet irrikordjat lil Omissis B u kienet qalet lill-ispettur dwar dan. Omissis B kienet diagnosed bl-ADHD, ma tantx kienet socjevoli imma

kienet tmur tajjeb mal-hbieb u fl-iskola. Hi kienet tara lit-tifla u kif kienet tireagixxi qisu ha jtiha fit, imma gieli fil-fatt li kienet tippanikja. Hi kienet mexxiet il-kelma dwar li kienet qaltila t-tifla mal-kap tal-iskola, u Omissis B haditha kontriha. Hi tghid li fil-klassi taghha ma kienx hemm tifel bl-isem ta' Jamie. Mistoqsija jekk kinitx *close* maghha tghid li iva u kienet tigi tirrakuntala dwar dak li tkun ghamlet madankollu qatt ma qaltilha b'xi atti ma' xi *boyfriend*. Ikkonfermat li din it-tifla hija *naïve u innocenti hafna*. Tghid li it-tifla rrabjat maghha li rrekordjata ghaliex kienet ser taqla' inkwiet m' ommha.

Ir-*recording* gie traskritt mill-espert Keith Cutajar. F'din ir-recording esebit fl-atti tinstema tghid li meta kienu fil-garage ghalqu il-bieb u l-akkuzat urieha kif taghmel *french kiss* ghax hi ma tafx tghamilha. Tghid li ghamlitha darba qabel mal-*boyfriend* izda ma kinitx taf. Qalilha li trid tohrog ilsienha u iddahlu go halqu u hekk ghamlet u biesitu. Tghid li kieku hija kienet flokha kienet taghmel l-istess. Imbaghad tghid li bexxaq il-bieb naqra ohra u qallha trid nuruh u huwa wiegeb il-parti tieghek u hija qaltlu li ghandha hafna suf u huwa wegibha li ihobb is-suf.  Qalilha li bis-suf ikun sabieh. Imbaghad urew il-partijiet privati lil xulxin. Ftit wara qallha *trid indahluh*? U wara dahhal il-parti tieghu fil-parti privata taghha. Tghid li xtaqet li idahhlu ukoll fil-parti ta' wara taghha izda ma ghamilx hekk. Imbaghad ma gara xejn iktar. Qalet li ma tantx damu kemm dahlu u hargu. Wara li tellghu il-qalziet regghu ghamlu *french kiss* u telqu 'l hemm. Qalet li kienu dahlu l-parti ta' xulxin fil-halq ta' xulxin ukoll. Tghid li meta rritornaw lura id-dar kemm zijitha kif ukoll ommha staqsewhom ghaliex kienu damu u qalet li qaltilhom li tal-pizza kien ta pizza minnhom lil xi haddiehor. Omissis B kienet qaltlu wkoll sabiex meta jergghu jmorru jergghu jaghmlu dak li kienu ghamlu.

In kontro-ezami tghid li ilha LSA ghal madwar 18-il sena. Tghid li f'dan il-kaz hija kienet *shared* LSA. Milli tiftakar Omissis B ma kinitx isemmilha *boyfriend.* Ma tiftakarx jekk il-filmat kienx mar dirett ghand l-Ispettur jew ghand il-*head of school*. Omissis B kienet haditha kontriha ghax kienet '*qalatilha it-trouble'*. Jidrilha li Omissis B kienet tmur tajjeb mal-LSA ta' qabilha. It-tifla kienet tippanikja anke xi haga titrigerjaha fil-

klassi. Bhala reazzjoni gili taqa' mis-siggu, tigi bajda karti u bzieq niezel minn halqha. Tghid li Omissis B semplici u nnocenti. Fil-klassi milli kienet tara hi, affarijiet li kienu ovji ghal tfal ohra, ghaliha ma kienux. Omissis B gieli qaltilha li ommha kienet tiehu hafna hin ma' ohta z-zghira ghaliex kellha bzonnijiet specjali u gieli kienet tigi l-iskola ftit imdejqa. Meta Omissis B kienet tkun hazin, hafna drabi kien jigi ghaliha missierha. Tghid li ma' Omissis B kienet tmexxi mal-klassi normali. Ma jidrilhiex li gieli qaltilha li kienet tiffrekwenta xi siti socjali li lilha dejjquha. Gieli ma kienx ikun 'fit' dak li kien itiha, izda biss attack ta'paniku. Tikkonferma li Omissis B kienet '*attention seeker*'. Hi kienet ixxokjata b'dak li qaltilha Omissis B u allura riedet tikkonferma li dak li kienet qed tghid Omissis B kien minnu.

**PS 31 Mario Farrugia** xehed ukoll nhar l-4 t' Ottubru, 2023 u jghid li hu stazzjonat *vice-squad* u f'dan il-kaz, wara li kellhom madat t'arrest hu kien arresta lill-akkuzat gewwa l-Hamrun. Hu jghid li kien prezenti wkoll ghall-interrogazzjoni tal-istess akkuzat. Hu flimkien ma' PC 2304 Andrea Tanti, Omissis D omm Omissis B u Omissis B marru jfittxu l-garage tal-akkuzat. Omissis B ma kinitx taf ezatt fejn kien u meta waslu fi Triq l-Isqof Emanuel Galea, Zejtun indikat l-garaxx fuq in-naha tal-lemin tad-dahla u dan indunat bih ghaliex kellu sticker tax-xarba Monster fuqu. Quddiem l-ewwel Qorti huwa pprezenta tpingija li ghamlet Omissis B li giet mmarkata bhala Dok MF1 u din kienet tindika kif kienu imqasmin l-affarijiet fil-garaxx, fosthom il-mutur, roti u xi ritratti. Jghid li huma ma nghatawx struzzjonijiet sabiex jaccessaw il-garaxx taz-Zejtun jew sabiex imorru go xi garaxx iehor gewwa Malta. Huma marru fejn il-garaxx taz-Zejtun meta kien ghadu d-dawl u jikkonferma li fizikament fil-garaxx hu qatt ma dahal. B'kollox kienu nvoluti tlett pulizija fl-investigazzjoni. Jghid li hu ccekja ghal cameras ghand l-Istanbul Kebab House izda l-cameras ma kienux operattivi. Kollegi tieghu kienu wkoll raw xi cameras ta' xi stabbilimenti ohra madankollu il-vettura tal-akkuzat ma dehret imkien.

**PC 2304 Andrea Tanti** xehdet nhar l-4 t' Ottubru, 2023 u spjegat li hija stazzjonata vice-squad u anke f'2021 kienet hemmhekk. Nhar it-2 ta' Gunju 2021 inghatat struzzjoni mill-Ispettur Kylie Borg sabiex takkompanjaha gewwa l-iskola San Gorg

Preca, Middle school Blata l-Bajda fejn hemmhekk kien hemm ukoll Sarah Xuereb. Hemmhekk kien hemm Omissis B, tifla ta' tnax-il sena li rrakontat l-abbuz li kienet ghaddiet minnu. Qalet li nhar id-29 ta' Mejju 2021 hija flimkien ma' missierha, ommha u ohtha kienu marru fir-residenza gewwa iz-Zejtun ghand certu Omissis F li tigi l-partner ta' dan Omissis A.

Ghal habta tas-7. 00p.m Omissis B xtaqet tmur ma' Omissis A tigbor xi pizza li kienu ordnaw u telqet mieghu bil-karozza. Omissis B poggiet fuq il-*passenger seat* ta' quddiem ma genb id-driver Omissis A u bdiet tirrakonta lilu kif kienet tbus lil *ex-boyfriend* taghha u kif kienet taghmel *french kiss*. Tghid li anke tat French kiss lil Omissis A ghax talabha torieh kif kienet taghmel. Talabha imorru fil-garaxx tieghu biex juriha kif taghmel il-*french kiss* u accetat. Hekk kif waslu fil-garaxx Omissis A ghalaq il-bieb tal-garaxx. Skond Omissis B kienu it-tnejn li ghalqu l-bieb ghax ma riedu lil hadd jarhom. Qalet li Omissis A kien qalilha sabiex iddahhal ilsienha go halqu u tilghaqlu snienu u Omissis B ghamlet proprju dan u damu ghal madwar zewg minuti. Omissis B stqarret li kienet hasset friefet fl-istonku taghha peress li kemm il-darba kienet thossha wahedha.

Omissis B qalet li Omissis A qalilha jekk riditx li juru l-partijiet privati taghhom lil xulxin u hija wiegbet fl-affermattiv. Omissis A nizzel il-qalziet u hareg il-parti tieghu. Omissis B infurmat lil Omissis A li kellha gungla fil-parti taghha u dan wegibha li kien ihobb is-suf. Omissis B nizlet il-*leggings* u l-*underwear* li kienet libsa u qaghdu quddiem xulxin. Omissis A staqsiha jekk tridx li jdahhlu l-parti privati ta' xulxin u Omissis B stqarret li ma fehmtix mill-ewwel ghal xiex kien qed jirreferi. Omissis A ghamel dan ghal madwar sekonda billi dahhal l-organu tieghu fil-parti privata taghha.

Mistoqsija tispjega ahjar kif sehhet il-penetrazzjoni, Omissis B spjegatilha li poggiet idejha fuq spallejh u Omissis A tbaxxa minn irkoptejh fejn hu qabad il-parti tieghu b'idejh u ippenetraha. Hekk kif lestew regghu libsu l-hwejjeg u dahlu fil-karozza u marru lura ghaz-Zejtun. Omissis B stqarret li hi u Omissis A ftiehmu bejniethom sabiex jivvintaw skuza u jghidu li tal-pizza hadu zbal fl-ordni u kellhom jistennew

sabiex issir pizza ohra. Omissis B tghid li Omissis A qalilha li kienet *evil genius* peress li kienu hasbu fi skuza tajba. Qabel telqu Omissis A ghannaqha qalilha li jergghu jiltaqghu.

Hija flimkien ma PS 31 Mario Farrugia fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Borg marru ma' Omissis B u l-mama taghha sabiex jidentifikaw il-garaxx li fih sar l-allegat abbuz goz-Zejtun. Dan kien dakinhar tat-2 ta' Gunju 2021 wara li t-tifla spiccat l-iskola. It-tifla ma kintix taf isem tat-triq bla amment u bdew iduru iz-Zejtun pero kienet taf li kien hemm speci ta' arkata fl-entratura kif tidhol u ssib sensiela ta' garaxxijiet. Irrizulta li t-triq kienet Triq L-Isqof Emmanuel Galea. It-tifla gharfet il-bieb tal-garaxx ghax kellu sticker tal-logo ta' *Monster* fuqu. Mistoqsija x'qalet it-tifla rigward l-organu ta' Omissis A, Omissis B tghid li qabel ma ippenetraha l-parti tieghu kienet ippuntata lejha izda meta qallha biex iddahhal il-parti tieghu f'halqha il-parti tieghu kienet l-isfel u kienet ratba. Murija id-Dok AT1 a fol. 177 tghid li din giet impengija mit-tifla meta l-garaxx kien ghadu mghaluq fejn indikat li kien hemm xi roti mdendlin mal-faccata u xi ritratti ta' Omissis F u Omissis A mal-hajt mal-lemin.

In kontro-ezami tikkonferma li fil-garaxx ma dahlitx u li huma mxew fuq l-istruzzjonijiet tal-Ispettur Kylie Borg. Tghid li meta sabu l-garaxx kien ghadu d-dawl. Omissis B ma qalitx kemm kien hemm roti, izda pengiet tlieta u ma specifikatx kienux roti tat-tfal jew adulti. Tghid li ma gew mghoddija l-ebda dokumenti lilha u meta giet mitkellma Marvic, l-LSA hi ma kinitx prezenti. Mistoqsija tiftakarx il-materjal tal-*leggings* tghid li ma tiftakarx. Meta marru jkellmu lill-Omissis B l-ewwel darba, fir-rigward tal-ex boyfriend taghha hi qalet li kienet tbusu biss.

**PC 208 Brian Fenech** xehed li huwa stazzjonat il-vice squad u l-involviment tieghu kien li jarresta lil Omissis A nhar it-2 ta' Gunju, 2021 flimkien mas-surgent Mario Farrugia. Hu gharaf lil Omissis A prezenti fl-awla. Malli gie arrestat gie moghti d-drittijiet tieghu u r-raguni tal-arrest tieghu li kien ghamel attivitajiet sesswali ma' minuri.

In kontro-ezami kkonferma li huma kienu dahlu fid-dar tieghu gewwa l-Hamrun u ghaddewlu l-mandat. Kif dahlu jaf li kien ra mutur fil-garaxx. Mistoqsi jekk kienx hemm zewg muturi jghid li ma jafx. Ma jiftakarx kienx hemm xi ritratti fil-garaxx. Ma jiftakarx kienx hemm roti f'dan il-garaxx.

**Dr Rachel Taylor East** tghid li hija psikjatra u kellha l-inkarigu li tara u tezamina lil Omissis B sabiex tikkummenta fuq il-kundizzjoni medika taghha. Tghid li meta Omissis B kellha erba' snin giet *referred* l-isptar minhabba *treatment of behavioural problems.* Bdiet tattendi ic-*child psychiatric guidance service* u giet *assessed* li kellha ADHD. F'Lulju 2021 kienet ezaminat lil Omissis B u tkellmet ukoll ma' l-omm u Dr Andrea Saliba li kienet tara lin-Omissis B dak iz-zmien. Omissis B kienet anzjuza waqt l-ezaminazzjoni taghha, ikkoperat u dehret *childlike*. Ivverifikat li t-tifla tbaghti minn *epileptic seizures* li jafu l-origini taghhhom mill-mohh u *non-epileptic seizures* li huma parti minn *conversion disorders* li huma assocjati ma' anzjeta, *stress u trauma*. For a *layperson,* dawn kapaci jkunu l-istess u *they can co-exist*, specjalment f'nies li jbaghtu bl-epilepsy. Tghid li ma hemmx konnessjoni bejn dawn il-kundizzjonijiet u l-ADHD. Hi nnutat li Omissis B kienet ftit anzjuza, naqra *childlike*, *bubbly* u ftit *dramatic* u dehret li kellha rapport tajjeb ma ommha. Hi stenniet li ghall-eta' li kellha kienet tkun iktar matura, izda jista' jkun ghaliex kienet anzjuza wkoll meta ltaqghet maghha. IQ testing ma kellhiex omm Omissis B dwar Omissis B u ghalhekk ma setghetx tikkonkludi certu affarijiet dwar l-abbiltajiet ta' Omissis B.

In kontro-ezami, hi tghid li daret ir-rapporti kollha fil-*medical files* izda kkonsultat ma Dr Andrea Saliba peress li kienet l-ahhar tabiba li kienet ratha. Hi xtaqet li tkellimha dwar in-*non-epileptic seizures*. Dr Joseph Cassar dak iz-zmien kien jara lin-Omissis B fir-rigward tal-ADHD. Hi ma tahsibx li tkellmet ma Dr Joseph Cassar dwar dan. Tghid li ma tkellmitx ma Dr Stephen Attard. Tghid li tkellmet ma omm Omissis B u cioe' Omissis D izda mhux ma missierha. Hut il-genituri kellhom *admissions* gewwa Mount Carmel izda mhux huma personali. Il-*mannerisms* tat-tifla kienu daqsxejn iktar esagerati milli s-soltu tesperjenza izda jista' jkun li hi hekk jew tigi mill-ADHD. Tghid li Omissis B dehret tigref lilha nnifisha turi li hi kienet anzjuza u li anke hu sintomu

ta' ADHD. The *layperson in the street* jista' jara persuna b'ADHD bhala fitta. *Malingering Disorder* hija kundizzjoni li generalment jarawha fil-kbar izda anke fit-tfal. Bhal meta per ezempju persuna jkun il-habs u jghid li qed tugghu zaqqu sabiex ma jmurx il-Qorti. *Malingering Disorder* tigi diagnosed minn psikjatra wara li ssir *clinical examination.* Hi tghid li ma tafx li Omissis B kienet tbati minn *Malingering Disorders.*

Mistoqsija dwar *confabulation* hija tghid li hija *descriptive term,* u cioe' meta xi hadd li ghandu *dimensia* jwiegeb ghall-mistoqsijiet skont il-cue li jkollu quddiemu, per ezempju ssaqsi lil xi hadd jekk hax breakfast u jghidlek ilma ghax hemm l-ilma quddiemu. Hi tghid li *she did not detect any confabulation.* Tispjega illi l-memorji jigu storjati b'mod differenti u jekk ikollok xi trauma jistghu jizviluppaw xi kundizzjonijiet bhal *disassociative disorder* jew PTSD. Hi tghid li ma tiftakarx li ddiskutiet maghha thobbx issegwi platforms socjali.

**Annabelle Borg Gaffarena** xehedet li hija l-Head tal-iskola San Gorg Preca College, Blata l-Bajda, Middle School. Taf li l-LSE Marvic Mifsud ta' Omissis B kienet irraportat lilhom nhar il-31 ta' Mejju 2021 li din Omissis B kienet qaltilha li kien hemm xi abbuz fuq l-persuna taghha fil-*weekend* u mill-ewwel irreferew il-kaz lil Agenzija Appogg.

Wara li cemplet ic-Child Safety Services marru l-Appogg. Tghid li meta Omissis B giet mitkelma mill-pulizija hija kienet ukoll prezenti flimkien mas-social worker. Dakinhar it-tifla qalet li s-Sibt kienu qeghdin ghand xi hadd jigi minnhom u hin minnhom harget maz-ziju sabiex jixtru xi pizza. Dan iz-ziju saqsiha kinitx taf taghmel *french kiss.* Waqt li kienu sejrin lura id-dar waqfu quddiem il-garaxx u t-tifla qalet li iz-ziju taghha staqsiha jekk riditx taghmel *french kiss*. Dahlu fil-garaxx u skond it-tifla dan beda juriha kif taghmel *french kiss* billi idahlilha ilsienu f'halqha. Qalet ukoll li f'hin minnhom staqsiha jekk riditix li juru l-parti privati taghhom lil xulxin u hemmhekk inghalaq il-garaxx. It-tifla qalet li kien hemm *oral sex* bejniethom. Imbaghad kienu ftehmu li meta imorru id-dar ghax kienu damu illi jghidu li hadu zball fl-ordni u ghalhekk kienu damu ma jirritornaw lura.

Tghid li Omissis B kienet tbati mill-ADHD u ADD. Ma kellhiex problemi biha. Hija kienet iddiskrevitha bhala a person *without boundaries* anke minhabba l-kundizzjoni taghha, kull ma jigiha f'mohha tghidu u tiffitta.

In kontro-ezami tghid li l-lezzjonijiet tal-PSD dwar *growing up* jibdew minn meta jkollhom ghaxar snin.

**Katya Muscat** tghid li hija social worker u leader u fl- 1 ta' Gunju, 2021 id-Direttorat kien ircieva rapport minn naha ta' San Gorg Preca Middle School ta' Blata l-Bajda dwar il-minuri Omissis B Cassar dwar *disclosure* li ghamlet mal-LSE li kien hemm xi tip ta' attivita sesswali bejnha u bejn ragel li hi iddiskreviet bhala iz-ziju ta' *sixty-five years*.

Irrizultalha li kienet spjegat li Marvic Mifsud li hija l-LSE taghha, illi nhar is-Sibt 29 ta' Mejju, 2021 hija u l-familja taghha marru ghand iz-zija gewwa iz-Zejtun biex jiccelebraw il-birthday ta' dan iz-ziju. Marru ghal xi pizzez take-away u kien hemm sess orali u anke penetrazzjoni bejn il-minuri u dan iz-ziju. Huma u sejrin lura fthemu li dan kollu kellu jibqa' sigriet bejniethom u meta terga' tmur ghandhom jergghu jaghmlu dan. Il-kollega taghha ghamlet l-intervent mal-Ispettur u kellmu lit-tifla izda hi ma kelmithiex u ghamlet ir-*referral* tal-kaz lejn il-vice squad. Ir-rapport li ircevew ikun iffirmat minn *head of school* u *child safety service* Michelle Debono. Din tal-ahhar kienet naqra inkwetata ghaliex l-omm kienet semmiet li meta kienet zghira kienet abbuzata minn huha u ma kienux certi jekk l-akkuzat kienx l-istess persuna.

**Sarah Xuereb** xehdet u qalet li hija tahdem bhala Social Welfare Professional mac-Child Protection Services. Tghid li nhar it-2 ta' Gunju, 2021 kienet marret l-iskola tiltaqa' ma l-Ispettur Borg li kienet fil-kumpanija ta' pulizija ohra. Iltaqghet ma' Ms Gaffarena u l-minuri Omissis B. Kien hemm ukoll pulizija ohra wkoll mill-vice squad. L-Ispettur Borg bdiet issaqsiha xi domandi u x'ghamlet fil-*weekend* li kien ghadda u appuntu nhar id-29 ta' Mejju, 2021 u t-tifla irrispondietha ezatt x'kien gara. It-tifla spejgatilha li dakinhar kien is-Sibt hi marret mal-genituri taghha ghand iz-ziju taghha

pero imbaghad qalet li ma kienx ezatt iz-ziju izda habib tal-familja certu Omissis A. Din qalet li kienu fid-dar tas-sur Omissis A ghal birthday tieghu u kienet hemm mal-familja taghha u f'xi hin ordnaw xi pizzez minghand il- Four T's imma kellhom imorru jigbruhom.

Omissis B offriet li tmur tigborhom ma' Omissis A u l-genituri taghha hallewha tmur mieghu. Waqt li kienet fil-karozza mas-sur Omissis A bdiet titkellem fuq il-*boyfriend* li kellha li jmur l-iskola taghha. Imbaghad is-Sur Omissis A qalilha biex jieqfu fil-garaxx li ghandu li huwa vicin tal-pizza. Qalet li s-sur Omissis A talabha biex *jengagjaw* f'atti sesswali u t-tifla acccetat. Is-sur Omissis A beda ibusha u kien hemm penetrazzjoni ghal sekonda kif spjegatha it-tifla. It-tifla spjegat li kien hemm ukoll sess orali fuq is-sur Omissis A. Ikkomparat is-sess orali bhal kif taghmel hi meta tiekol l-lollipop. Hi hasset il-butterflies, hadet gost izda kienet taf li kienet xi haga hazina. Is-Sur Omissis A kien hafna ikbar minnha u hi kienet ghadha zghira u kien ikun ahjar li kieku esperjenzat dan ma' tifel tal-iskola, imma hadet gost li l-attenzjoni kienet fuqha. Qalet ukoll li waqt li kienu fil-karozza hi u s-sur Omissis A iddecidew li lil familja jghidulhom li damu ghax il-post tal-pizza hawdet l-ordni taghhom.

**Omissis C,** missier Omissis B, xehed illi nhar is-Sibt 29 ta' Mejju, 2021 ghall-habta ta' 6.15pm marru ghand in-neputija tal-mara. Jghid li hemmhekk xi hin, it-tifla marret ma' Omissis A jigbru xi pizzez u damu naqra ma jigu lura. Mistoqsi jekk jafx lil Joe Omissis A, jghid li jafu ghax hu sieheb tan-neputija tal-mara u ilu jafu ghal madwar hames snin. Jghid li minn dakinhar li qalulu li t-tifla giet abbuzata, it-tifla nqatghet ghaliha u l-fits zdiedulha. It-tifla kienet qaltlu minn dak li ghaddiet mal-akkuzat u kienet l-istess storja li tat lill-ghalliema taghha. Mistoqsi jekk ihallix lit-tifla tohrog wahedha, jghid li s-soltu jmur sal-bandli maghha u gieli jhalliha tmur wahedha, sa fejn jaf hu meta tkun fuq il-bandli, Omissis B tkun mal-bniet.

In kontro-ezami Omissis C jghid li meta marru ghand Omissis F marru jaraw loghba tac-*champions league* u Omissis B kienet hi li pproponiet li tmur tigbor il-pizza ma' Omissis A dakinhar. Hu kkonferma li Omissis B u Omissis D kienu hadu ritratt fuq il-

mutur tal-akkuzat gewwa l-garaxx fil-Hamrun. Hu ikkonferma li kien ghamel xi xoghlijiet gewwa l-garaxx fil-Hamrun u fejn kien ghamel vit, fuq dan il-vit kien hemm ritratt ta' Omissis F u l-akkuzat. Il-pizzez kien ordnahom Omissis A izda Omissis B riedet taghmel l-ordni hi. Originarjament kienet Omissis B li kienet qed taghmel l-ordni izda Omissis D kienet waqqfitha u ha over Omissis A. Hu kkonferma li dakinhar Omissis B marret tghannqu u hu kien heggigha tieqaf. Omissis A u Omissis B damu ma gew lura madwar siegha. Wara kienu kollha qed jieklu pizza flimkien u xi hin Omissis B qalet li riedet tmur il-bandli u hu qal li dan ma kienx il-hin. Hu jiftakar li Omissis B kienet qalet li Omissis A kien qalilha sabiex johoda l-bandli izda Omissis D kienet razznitha ghaliex baqghet tippersisti. Omissis D qaltilha sabiex tieqaf tigdeb ghaliex din kienet idea taghha. Omissis A kien qal lit-tifla 'u issa mhux daqt immorru l-pool' ghaliex kienu mifthemin sabiex imorru lukanda flimkien, izda Omissis F kienet harset lejh ghaliex kienu fthemu li t-tifla ma jghiduliex.

Mistoqsi x'kien gara xi gimghat qabel dan, hu jghid li Omissis D kienet qed tahsel lil Omissis B u Omissis B riedet taghmel cajta goffa billi tallega illi missierha kien abbuzaha u wara tghid li kienet cajta, pero ma saritx. Jghid ukoll li kien hadha bi kbira wara dak kollu li ghamel maghha.

**Omissis D,** omm Omissis B, tghid li jum l-Erbgha ta' wara nofisnhar cemplulha il-pulizija mid-depot u cioe' l-Ispettur Kylie Borg u qalulha li kellhom bzonn ikelmuha flimkien mar-ragel. Meta marru id-depot tkellmu ma l-Ispettur Kylie Borg u din qaltilhom li binthom kienet giet abbuzata minn certu Omissis A. L-Ispettur qaltilha li qaltila t-tifla u cioe' li Omissis A kien dahhalula. Qalet li dan Omissis A huwa il-partner tan-neputija taghha Omissis F. Tghid li Omissis F kienet cemplitilha darba minnhom u qaltilhom jekk setghux imorru s'ghandhom is-Sibt filghaxija u jaghmlu bhas-soltu jixtru xi affarijiet u jiekluhom flimkien u ftiehmu ghad-29 ta' Mejju, 2021. Dakinhar ghall-habta tas-6. 00p.m marru ghand Omissis F u maghha kien hemm zewghha Omissis C u z-zewgt it-tfal taghha Omissis B u Omissis E. Hemmhekk kien hemm Omissis A u Omissis F. Qalet li ordnaw l-ikel minn Istanbul House ta' Bir id-Deheb. Imbaghad cemplilhom tal-pizza u qalilhom li kienu lesti, Joe Omissis A u

bintha Omissis B marru jigbru l-pizzez. Mistoqsija jekk kienx hemm arrangjament dwar il-pizzez tghid li ma kienx hemm qabdet u marret minn rajha. Tghid li damu xi nofs siegha. Mistoqsija jekk hemmx boghod minn fejn kienu sa fejn kellhom imorru biex jigbru l-ikel tghid li hemm inqas minn ghaxar minuti.

Tghid li meta gew lura qalu li kellhom jistennew il-pizza u qalulhom li kien sar xi zball fl-ordni tal-pizza. Poggew madwar mejda tawwalija. Omissis B kienet hdejn Joe faccata ta' missierha. Ghal habta tad-9.00/9.30 p.m. telqu. Huma nizlu bil-lift waqt li Omissis B nizlet bit-tarag.

Mistoqsija kif kienet ir-relazzjoni ta' Omissis A ma' Omissis B tghid li kienet tajba jiccajtaw u jilghabu bil-mowbajl u jiltaqghu kemm ghand Omissis F kif ukoll ghandhom meta jistidnuhom. Tghid li ricenti Omissis B giet ukoll *diagnosed* b'*autism* u r-relazzjoni taghha ma' Omissis B hija wahda tajba. Tikkonferma li kienet hadet it-tifla ghand l-esperti medici mahtura mill-Ewwel Qorti.

Tghid li hi, li saret taf mhux minghand it-tifla dirett u t-tifla qaltilha li ma kinitx qalet lilha ghaliex tghajjat maghha. Tghid li t-tifla iktar tiftah qalbha ma' haddiehor u mhux maghha. Tghid li minn dakinhar Omissis B zdiedulha l-*pseudo-fits* u l-*anger issues*.

In kontro-ezami kkonfermat li Omissis F tigi ohta, minn l-istess omm u ikbar minnha xi hames snin u nofs. Tghid li dakinhar il-pizza ordnathom Omissis B izda hadet zball u wara kompla l-ordni Omissis A. Ikkonfermat li Omissis B riedet hi tmur ma' Omissis A ghal pizzez. Tghid li Omissis B il-hin kollu tkun trid tohrog il-barra u tmur anke l-bandli wahedha u gieli ma' habiba taghha. Ma tafx tkunx ma' hbieb ohra li mhux fil-klassi taghha, hi tohrog tittawlilha izda ma tafx. Tikkonferma li Omissis B gieli qaltilha li sejra l-bandli izda tmur il-pjazza minflok. Hi ma tiftakarx li Omissis A f'xi hin qalilhom li gab xi mutur gdid u Omissis B writ l-interess li tirkeb fuqu. Wara li gabu l-pizza u Omissis B bdiet teqred biex tmur il-bandli u li Omissis A kien se johoda l-bandli hi qaltilha sabiex ma tghidx xi haga li mhux minnha.

Qabel il-kaz Omissis B qaltilha li kienet ghamlet xi haga ma' tifel Jamie quddiem l-Ispettur Kylie Borg u qaltilhom li dahhalulha. Tikkonferma li Tracy tigi t-tifla ta' Omissis F u li hames gimghat qabel hija kienet qaltilha li bintha Omissis B kienet ser taghmel cajta goffa billi tghid li missierha kien abbuza minnha, meta ma kienx minnu. Tghid li kellha vizzju taghmel dan it-tip ta' cajt.

Semghet it-testimonjanza ta' **Omissis B** mehuda quddiem l-ewwel Qorti fejn gie spjegat lilha it-tifsira tal-gurament u tghid li marret il-Qorti biex titkellem dwar dak li gara mar-ragel tat-tifla ta' oht il-mummy taghha certu Omissis A.

Tispjega li fid-29 ta' Mejju 2021 jum is-sibt, kienu marru ghand it-tifla ta' oht il-*mummy* cioe' ghand Omissis F iz-Zejtun. Kienet marret ma' ommha Omissis D, ohtha Jade u ma' misierha Omissis C u dan ghaliex kien hemm il-birthday ta' Omissis A. Imbaghad hija flimkien ma' Jospeh marru bil-karozza fil-post mgharuf bl-isem Istanbul biex jixtru xi pizza.Tghid li l-vettura ta' Omissis A  Omissis A  hija hamra u ghandha tigra fuqha u rikbet fuq quddiem hdejn Omissis A. Dakinhar Omissis A kien qed isuq il-vettura.

Omissis B spjegat li l-hanut Istanbul jinsab fejn Montebello Bir id-Deheb u sakemm waslu ghand l-Istanbul, hi u Omissis A ma tkellmu xejn. Wara li xtraw il-pizza irritornaw fil-karozza biex ipoggu il-pizza hemm. Omissis A dar fuqha waqt li kienu fil-karozza u qallha li xtaq imur jara xi haga fil-garage u hija wegbitu li kien 'ok'.

Ikkonfermat li sakemm waslu l-Istanbul minghand iz-zija ma qalu xejn bejniethom. Sakemm waslu fil-garage qadu jitkelmu fuq l-ex boyfriend taghha u li kienu jaghmlu l-*french kiss* u wara urietu kif taghmel il-*french kiss* u qalilha li ma kinitx taf tghamilha tajba. Dak il-hin kienu ghandhom fil-karozza.

X'hin waslu fil-garage offrielha biex juriha kif jghamel il-French kiss u hi accettat. Bexxaq il-bieb tal-garaxx u beda juriha u qallha '*dahhal ilsienek go halqi u ilaghqli snieni*'. Hija ghamlet ezatt hekk. Wara qallha trid nuruh u hi fehmet li juru l-parti privati

taghhom lil xulxin. Dan qalilha min ser jibda u qaltlu biex jibda hu. Mistoqsija x'ghamel tghid li urihulha. Dan fetah ic-cinturin u nizzel iz-zip. Insiet jekk kellux buttuna jew le. Taf li zip kellu zgur izda mhux certa jekk kellux ukoll buttuna. Tghid li kellu *under wear* taht il-jeans li kien liebes. Qalet li l-qalziet nizlu kollu sa l-art biex urieha l-parti privata tieghu. Anke il-qalziet ta' taht nizzel sal-art. Imbaghad rat l-parti privati tieghu. Fil-bidu il-parti tieghu kienet ratba izda meta urietu l-parti taghha din ibbieset u kienet ippuntata lejn il-parti privati taghha. Ghall-ewwel ma riditx turih il-parti privata taghha ghaliex qaltlu li kellha *jungle* hemmhekk u dan wegibha li 'sabih sufi'.

Tghid li hassitha *uncomfortable* u bdiet tghidlu iva ghal kollox u dan ghaliex peress li hu b'sahhtu aktar minnha hasbet li imbaghad ha jisfurzaha biex taghmel l-affarijiet. Tghid li qatt ma qaltlu le ghal dak li ried jaghmel. Qalet li hija nizlet il-qalziet *jeggings* u l-*underwear* kif ghamel hu. Tghid li kien il-parti t'isfel biss li urietu. Wara talabha jara iz-zejziet taghha u qaltlu li kien 'ok' u dan ghaliex bezghet li kien ser jisfurzaha u ghalhekk uriethomlu. Ghal bidu uriethomlu minn fuq il-bra izda wara qallha tista' tnehhi l-bra? U hija nehhiet il-bra u ghafashomlha.

Imbagahd nizlet il-flok u staqsiha jekk riditx li idahluh u qaltlu '*x'jigifieri indahluh*' izda wara fehmet li ried idahhal il-parti privata tieghu f'taghha u qaltlu iva ghal darb ohra ghax bezghet li kien ser jisfurzaha. Staqsieha jekk riditx tghamel il-*french kiss* u wegbitu iva. Ghall-ewwel dahhal il-parti tieghu f'taghha ghal minuta u hargu. Wara staqsiha jekk riditx li jdahhalulha f'halqha u reggghet qaltlu iva ghax bezghet minnu. Hija bdiet *tissukjah* qisu lollipop u dan ghaliex kien talabha hu biex taghmel hekk. Omissis A qalilha '*kompli kompli issa nghidlek*'. Talabha jekk rididitx jghamlu French kiss u idahluh f'daqqa u qaltlu iva u damu xi hames minuti hekk. Tghid li meta poggiet il-parti tieghu f'halqa dan kien artab. Tghid li x'hin urietu l-parti privata taghha il-parti tieghu kien ippuntat lejha izda meta dahlet il-parti tieghu f'halqa dan kien artab. L-ewwel darba dam ftit sekondi bil-parti tieghu fi-parti taghha izda wara dam xi hames minuti. Mistoqsija x'hasset dakinhar tghid li hasset ugiegh u malli hargu ma ratx demm u ghalhekk hasbet li kollox kien ok izda l-ghada sabet id-demm.

Tghid li mal- *boyfriend* kellha x'taqsam bhal ma ghamel ir-ragel tat-tifla ta' ohtha izda mal-*boyfriend* taghha kellha ukoll anal sex.

Dakinhar mas-sur Omissis A tghid li ma hasset xejn izda emozjonalment hasset u dan ghaliex peress li thossha *lonely* l-iskola hasset qisu kellha xi *butterflies* f'sidirha u f'zaqqa. Tghid li hasset ecitament wara tella' il-qalziet, u qaltlu li kien ikun ahjar li jmorru id-dar ghax kienu ser jghidu li damu. Rikbu l-karozza u marru lejn id-dar u waqt li kienu fil-karozza qalilha *'trid nivvintaw skuza li tal-pizza kien ta l-pizza taghhom lil haddiehor'* u qalet li hassietha *uncomfortable* tghidlu le u ghalhekk qaltlu iva. Qalilha biex ma tghid lil hadd waqt li kienu fil-lift tal-flat ta' zijtha. Hemmhek rega taghha bewsa zghira ta' malajr. L-ghada jew it-Tnejn marret tghid lil LSE taghha Marvic Mifsud.

Tghid li qalet lil Omissis A sabiex wara li jieklu l-pizza imorru l-bandli u dan ghaliex thobb tmur il-bandli u ommha kienet ser tghidilha le ghaliex kienet ma' ohtha li hija *down syndrome*. Mistoqsija ghaliex kienet staqsiet lilu tghid ghaliex verament riedet tmur tilghab il-bandli mhux biex tghamel dawk l-affarijiet li kienu graw qabel. Stenniet it-Tnejn biex tirraporta dak li kien gara ghaliex is-Sibt u l-Hadd ma jkollhomx skola. Mistoqsija ghaliex ma qalet xejn lil ommha jew /u missierha ghaliex tghid li dawn iwerwruha meta jghajtu u ghalhekk hasbet li jkun ahjar li tghid lil Ms Marvic. Ommha tghajjat maghha meta taghmel xi haga hazina bhala dixxiplina izda hija tibza minnha. Wara li tkelmet mat-teacher ukoll ghajtet maghha izda qalet li kienet ghamlet sewwa li tkellmet. Ikkonfermat li ghandha ohtha tbaghti bid-*down syndrome* u *autism.* Ma timxix normali, ma titkellimx, tilfet ir-ritmu kif tiekol wara li operawha u anke kif tixrob u timxi.

Tikkonferma li hija kellha tnax-il sena u kienet ilha mal-boyfriend ghal sena qabel, izda kienu hasru. Tghid li meta kellha hdax-il sena kienet iltaqghet mieghu il-bandli. Mistoqsija jekk tkelmitx ma' xi hadd iehor apparti Ms Marvic u lill-pulizija tghid li iva tkelmet mal-Head Ms Annabelle Borg Gaffarena u din qaltilha li gieli kien ikun hemm xi tfal li qalulha li kienu ghaddew minn esperjenza simili. Tghid li kienet baghtet

messagg lil Omissis F f'gurnata minnhom meta hassitha *lonely u bored.* Staqsietha jekk setghetx titkellem maghha izda ma qabditihiex u ghalhekk spiccat ma kelmithiex.

Mistoqsija tiddiskrivi l-garaxx tghid li x'hin tidhol mill-mina hemm garaxx griz fuq iz-zewg nahat tat-triq u l-garaxx ta' Omissis A jinsab fuq in-naha tal-lemin. Dan hu it-tielet jew ir-raba wiehed u ghandu sticker tal-alcohol tal-Monster fuq il-bieb. Ghandu sticker tal-mutur bil-biker fuqu. Fuq gewwa kien hemm xi ritratti imwahlin mal-hajt u ritratt tal-partner tieghu. Kien hemm xi mutur gdid li kien ghadu kemm xtara. Kien hemm zewg roti. Il-garaxx kien kbir li hdejn il-mutur setghet tidhol karozza. Tghid li huwa nizel kokka waqt li hija baqghet bil-wieqfa. F'dan il-garaxx kienet l-ewwel darba li marret. Qalet li kienet giet akkompanjata mis-surgent tal-pulizija, l-assistenta ta' l-Ispettur Kylie Borg, Ms Andria u ommha u damu xi hames sieghat iduru ghax ma setghetx tiftakar fejn kien. Id-driver qaghad idur biex jara fejn kien hemm mini ta' garaxxijiet. Murija l-iscreen tghid li tgharaf lil Omissis A fl-awla.

Mistoqsija in kontro-ezami fi x'hin telqu minghand iz-zija iz-Zejtun tghid li telqu ghal habta ta' sebgha u nofs minn Rahal il-Gdid u waslu lura ghall-habta tat-8.30p.m jekk mhux sejra zbaljta. Ghand iz-zija bdew jieklu xi appetizers li lestiet il-partner ta' Omissis A u qaghdu jitkelmu fuq il-mutur il-gdid li kien xtara Omissis A u biex ticcajta qaltlu li xtaqet tarah u qabel marru ghall-pizza qaltlu li d-*dream* taghha hu li xi darba tmur mieghu fuq il-mutur. Qalet li hija anke ritratt ghandha fuq il-mutur ta' Omissis A u ghaddietu lill-Ispettur Kylie Borg.

Taqbel li din il-konversazzjoni saret bejnha bejn is-sur Omissis A u missierha. Ommha fil-fatt qaltilha li ma setghetx tirkeb mutur ghaliex jekk itiha xi fit, Omissis A ma kienx ser jieqaf f'nofs ta' triq biex jassitiha. Tghid li dik is-sena kienu tawha bejn tlieta u erbgha fits u ghalhekk kienu qed jonqsulha. Imbaghad qalet li allura titla fuq l-mutur meta tohrog mill-fits u Omissis A qallha OK. Qalilha biex fil-kaz johodha dawra mal-blokka biss.

Tghid li ma tafx ghaliex missierha ma marx maghhom igibu il-pizza jekk kinitx id-decizjoni tieghu jew qatlu li xtaqet tmur hi u halliha. Tahseb li kienet hi stess li talbet lil missierha biex tmur ma' Omissis A. Mistoqsija jekk waqt li kienu mat-triq qadet itellgha u tnizzel it-tieqa u Omissis A qallha sabiex tieqaf tghid li mhux minnu. Tghid li ma bdietx tilghab ma xi haga tal-karozza.

Mistoqsija kemm kienet ilha taf lil Omissis A tghid li minn mindu kellha sentejn jew tlett snin. Kien biss wara li gabru l-pizza li qaltlu dak li kien gralha mal-*boyfriend*. Qaltlu ghaliex ghaliha kien membru tal-familja u tal-familja jghinu lil xulxin. Kull ma ghedtlu tghid li *'we broke up'* u li *'we french kissed'.* Mistoqsija jekk qaltlux li kienu jaghmlu is-sess tichad li sar dan it-tip ta' diskors. Qalet li ghal ewwel kienet ser tghid il-*guidance teacher* izda darba minnhom kienet fdata fuq xi haga u ma zammitx kelmitha ghax ma zammitx dak li kienet qaltilha ghaliha u ghalhekk ma hassitx li kellha terga' tafdaha. Tghid li kienet fdat lil Omissis A ghaliex qatt ma kien gidbilha u lanqas zijtha qatt ma gidbet. Mistoqsija fuq x'hiex kienet kixfitha tghid li ma tiftakarx x'kienet ir-raguni izda zgur li ma kinitx l-istess sitwazzjoni bhal tal-lum. Mistoqsija x'qalilha Omissis A dwar ghaliex kellhom jmorru l-garaxx tghid li qallha li ried jara xi haga izda meta dahlu fil-garaxx ratu ihares madwaru u ghalhekk f'qalbha staqsiet x'kien qed jaghmel. Ghalhekk bdiet tinkwieta li ser jigri xi haga ghax ratha *weird* li jidhol fil-garaxx u ihares fil-vojt.

Qalet li lil gentiuri taghha qaltilhom li kienet taghmel is-sess mal-*boyfriend* wara li l-pulizija kelmuhom dwar dan l-incident ma' Omissis A, ma qaltilhomx qabel ghax kienet titwerwer. Hassitha komda titkellem mal-LSE ghax din qaltilha li kienet ser tghinha u meta rat li l-pulizija kienu ser ighinuha ikkalmat ftit. Tghid li dakinhar meta kienet ma' Omissis A hasset li speci kellha x-xitan go fiha li qallha biex taghmel il-hazin. Hi tghid li tiftakar li kellu *underwear* imma ma tafx x'tip u kulur kien.

Mistoqsija x'qalilha meta talbitu johodha il-bandli tghid li qalilha li kellu bzonn il-permess ta' ommha u missierha. Tghid li dakinhar hames pizzez gabu u appena waslu lura bdew jieklu l-pizza mill-ewwel. Hija ma kilitix il-pizza taghha kollha ghax kienet

kbira. Il-pizza kienet birdet. Wara li kielu, xi hames jew ghaxar minuti wara telqu 'l hemm. Ommha talbet lil Omissis A biex ighinha b'ohtha ghax ma kellhomx buggy. Hi tghid li kollha nizlu bil-lift u cioe' hames min-nies.

Regghet talbet lil ommha sabiex imorru l-bandli izda ma riditx ghax kien qed jidlam.

Mistoqsija jekk tigdibx lill-genituri taghha tghid li iva fuq affarijiet zghar u anke fuq affarijiet kbar. Tghid li ommha meta semmiet il-bandli vera qaltilha sabiex ma tigdibx u qaltilha sabiex ma tigdibx ghax il-gideb hazin. Tghid li wedghet lil ommha li ser tinbidel u ssir iktar brava bhal habiba taghha u ma tigdibx. Tghid li gieli gidbet gideb kbir imma ma tiftakarx x'kien. Ezempju ta' gideb zghir bhal meta ommha tistaqsiha jekk ghamlitx carefree u tghidilha iva meta ma ikunx minnu jew tghidilha jekk poggietx il-hwejjeg f'posthom u tghidilha iva meta ma jkunx minnu.

Mistoqsija jekk ghadhiex f'kuntatt mal-*boyfriend* tghid li le ghaliex meta kienu hassru kien pastaz maghha. Il-*boyfriend* taghha kellu daqsha jew hdax-il sena. Tghid li hija tuza il-facebook u tippostja ritratti taghha ma' ommha u meta johorgu jew tal-loghob li jilghabu u tilghab ukoll xi *quizzes* fuq Facebook. L-isem taghha fuq Facebook huwa Omissis B. Ricentament kienet qalet li ghamlet li '*she wished for a boyfriend*'.

Tghid ukoll li kienet kitbet ittra *love letter* lil habib taghha Enrico li jaghmel l-ezamijiet maghha bir-reader ghax ghaliha kien *handsome* hafna. Wara baghtitlu messagg biex ikun il-*boyfriend* taghha u ommha hassritu minghajr ma lahaq rah. Hi xtaqet li tiltaqa ma' Enrico l-bandli biss. Mistoqsija jekk riditx taghmel l-istess bhal ma ghamlet ma Omissis A tghid li le f'hajjtha qatt ma hi ser tghamel dawk l-affarijiet. Tghid li kieku qalet le mill-ewwel ma kinitx iggib daqshekk problemi lill-ommha u missierha.

Hi qalet li xtaqet tkellem lil Omissis F dwar dak li kien gralha ma' Omissis A. Hi qalet li dak li kien gara ma setghetx izzommu u qisu kellha vuci go fiha jghidilha taghmel it-tajjeb. Tghid li meta tirrabja tkun qisha vulkan jew iljun, darba minnhom anke bdiet tidghi mat-teacher tal-LSE. Tghid li daknhar tal-incident meta waslet id-dar telghet

torqghod u bdiet tibki izda l-gentiuri taghha ma semghuhiex. Ommha rat li kellha xi dmija fil-qalziet u staqsietha jekk kinitx waqghet it-tarag u qaltilha li le u damet tara id-demm ghal xi tlett jiem. It-Tnejn ta' wara qalet dak li kien gralha lil Ms. Marvic u wara hassietha *relaxed* u din qaltilha biex ma tghid lil hadd.

L-akkuzat, kif kellu kull dritt li jaghmel skond il-ligi, ghazel li ma jixhidx, pero din il-Qorti xorta ghandha l-verzjoni ta' xhieda moghtija mill-akkuzat li tikostitwixxi prova f'dawn il-proceduri, billi a *tempo vergine* tal-investigazzjoni, huwa rrilaxxa stqarrija awdio viziva li giet moghtija wara li huwa nghata d-drittijiet tieghu skond il-ligi u quddiem l-avukat tieghu Dr Psaila nhar it-3 ta Gunju 2021.

F'din l-istqarrija jibda billi jghid li ghandu 65 sena u li twieled Hal Qormi u li kien residenti Hamrun izda filghaxija jmur ghand il-partner biex ma jkunx wahdu li toqghod Triq il Harrub z-Zejtun. Mistoqsi jekk jafx lil Omissis B jghid li jafha bhala l-kugina tal-partner tieghu. Ilu mal-partner seba' snin. Spjega li omm il-partner tieghu u omm Omissis B huma ahwa mill-omm. Jghid li jaf lill-genituri ta' Omissis B u gieli jmorru ghand it-tfajla tieghu u jixtru xi *takeaway* u jiekluh flimkien. Jaf li nhar id-29 ta' Mejju, 2021 l-partner tieghu kienet stiednet lil familja ta' Omissis B filghaxija. Dakinhar marru Omissis C u Omissis D il-genituri ta' Omissis B flimkien maghha u ma' ohtha Jade. Jghid li ghandu l-passatemp tal-muturi u jzommhom il-Hamrun stess. Jghid pero li ghandu garaxx iz-Zejtun u meta jmur iz-Zejtun bil-mutur, izommu fil-garaxx iz-Zejtun. Jghid li l-vettura li jzomm iz-Zejtun hija Opel tigra. Jaqbel ukoll li tidhol ghal gol-garaxx minn go mina. Mistoqsi jekk ghandux xi haga li tiddistingwi il-bieb tal-garaxx tieghu minn bibien ohra ta' garaxxijiet ohra ta' ma genbu jghid li iva ghandu zewg stickers. Jiddiskrivi l-bieb tal-garaxx li ghandu erbgha panelli tal-hadid u l-kulur tieghu huwa griz. Meta tiftah dan il-bieb ikun hemm l-karozza tieghu u mutur. Jghid li dakinhar tad-29 ta' Mejju 2021 kien hemm mutur fil-garaxx u zewg roti. Fuq il-hajt ghandu ritratt ta' huh il-mejjet u kurcifiss.

Nhar is-Sibt 29 ta Mejju 2021 jghid li l-familja ta' Omissis B marru ghand it-tfajla tieghu ghall-habta tas-6.00p.m/ 6.30p.m u bdew jitkelmu maghhom. Beda jitkellem mal-

missier fuq xi pompa u fuq il-muturi u Omissis B xtaqet tara il-mutur u urihulha fuq il-mobile u bla fini ta' xejn qalilha li darba minnhom johodha dawra. Izda l-missier dak il-hin qallu li ma kienx possibli peress li tbati minn 'fits' u b'hekk tista' taqa'. Sa dan it-tant cemplulhom tal-pizza u qalulhom li l-ordni kienet lesta u ppretenda li kien ser imur Omissis C mieghu jigbru l-pizzez izda marret Omissis B mieghu. Huma u sejrin fil-karozza Niktia bdiet tilghab mas-switch tal-hgiega u qalilha biex jerhilu. Meta waslu Omissis B nizlet mill-karozza gabru l-pizza poggewhom fil-boot tal-karozza u telqu. Huma u sejrin lura jghid li Omissis B qabditilu fuq il-mutur ghax riedet tarah. Huwa hadha fil-garaxx tieghu, fetah il-bieb filwaqt li hi dahlet gewwa u bdiet iddur mar-roti u qisha kienet ser toqghodu hemm u ghalhekk qabadha mill-flok u qallha biex imorru 'l hemm. Ghalaq il-bieb u hargu 'l barra. Huwa jinsisti li fl-ebda hin ma dahal fil-garaxx izda qaghad barra jistennieha tara l-mutur.

Huma u hergin qaltlu biex ma jghid xejn lil hadd izda li hi kellha boyfriend u kienu jghamlu s-sess. Qaltlu li kien idahhal il-parti tieghu fil-warrani taghha, fil-parti taghha u anke go halqha waqt li kienu ikunu fit-toilet. Hu qalilha li ma kinitx qed taghmel tajjeb. Bdiet tidhaq u qaltlu biex issa johodha il-bandli. Hu qalilha biex tghid lil missierha u ommha biex johduha izda qaltlu li jekk jghidilhom hu iktar kien hemm cans li tmur.  Qallha li kien hin li jmorru lura d-dar ghaliex kellhom il-pizzez fuqhom li kienu qed jikshu.

Omissis B bdiet tilghab bil-mobile. Mistoqsi jekk kienx qal lill-genituri taghha li kien hadha fil-garaxx jghid li fl-ebda hin ma kien qalilhom. Mistoqsi ghaliex ma rrifjutax li jiehu lil Omissis B fil-garage kif kien irrifjuta li johodha l-bandli jghid li tant insistiet mieghu jghid li haditlu rasu it-triq kollha tghidlu li trid tara l-mutur. Fil-fatt jghid li lanqas lit-tfajla ma kien qal li ha lil Omissis B fil-garage. Jghid li hemm zbalja u missu qalilhom li kien hadha l-garaxx. Qal li huwa ma dahalx fil-garage baqa' barra kemm fethilha il-bieb u dahlet wahedha. Jghid li kienet Omissis B li qalet lil genituri taghha li damu ghaliex tal-pizza kienu tawhom erba' pizzez u kellhom jistennew il-hames wahda issir u huwa qabel li ghandu jghid l-istess halli ma jghidx lill-ommha li ha lit-tifla tara l-mutur.

Jghid li l-istorja tal-*boyfriend* qaltlu wara li marru ghal pizza ghaliex huma u sejrin qadet tilghablu bl-iswitch tal-karozza il-hin kollu. Waqt li wara li gabru l-pizez il-konversazzjoni kienet dwar is-sess ma' dan l-*boyfriend* taghha u fuq li riedet tmur sal-bandli.

Mistoqsi jekk qaltlux li kienet ghamlet *french kiss* mal-*boyfriend* jghid li ma jafx li qaltlu hekk. Mistoqsi jekk hux minnu li urietu kif kienet tbus lil *boyfriend* u huwa qalilha biex imorru fil-garaxx u juriha kif taghmel *french kiss*, jghid li mhux minnu. Jghid li d-diskors dwar is-sess mal-*boyfriend* qalitulu huma u hergin mill-garaxx. Jghid li jaf li t-tifla ghandha kundizzjoni u tiehu xi pinnoli. Jghid li mhux minnu li huwa qalilha biex imorru fil-garaxx biex juriha kif tbus u hi qaltlu okay. Jichad li t-tifla dahlet ilsienha f' halqu u hu dahhal tieghu f'taghha. Jirrepeti li kull ma ghamel kien li fetah il-bieb tal-garaxx daret zewg dawriet mal-mutur u telqu 'l hemm. Jichad li qatt qal lit-tifla biex juru l-partijiet privati taghhom lil xulxin. Jghid li huwa ghandu problemi bil-parti tieghu u biex ikollu erezzjoni irid jiehu pilloli xi siegha u nofs qabel l-att sesswali. Mistoqsi kif allura Omissis B taf li l-parti tiehu tibqa' ratba jghid li ma jafx. Mistoqsi jekk kienx qal lit-tifla b'din il-kundizzjoni li ghandu jghid li le ma qalilhiex. Mistoqsi allura kif it-tifla taf dwar dan jghid li ma jafx.  Jichad li f'xi hin nehha il-qalziet jew li nehhieh u jichad li qatt laghaq il-parti privata taghha. Mistoqsija jekk qaltlux li l-parti taghha ghandha hafna suf u li jghogbu hekk jghid li mhux minnu lanqas li qaltlu dan id-diskors u li hu wegibha hekk. Mistoqsi allura t-tifla hix daqshekk imaginattiva li tivvinta kollox, hu semma kif meta waslu lura hi kienet qalet lill-genituri taghha li hu qalilha li l-genituri taghha kienu ser jihduha l-bandli. Ommha qaltilha li hi dejjem tigdeb u mhux vera.

Mistoqsija jekk hux minnu li huwa mexxa il-parti tieghu b' idu ghal parti taghha jghid li mhux minnu. Jichad li f'xi hin nizel gharkuptejh fil-garaxx u jghid li fl-ebda hin ma kien dahal fil-garaxx. Jibqa' jinsisti li ma ghamel xejn minn dan u fl-ebda hin ma nezghet it-tifla u lanqas hu ma neza. Jghid li dakinhar lanqas ma riedet titlaq minn ghandhom tant li kienet qed tilghab draughts fuq il-mobile taghha u l-genituri taghha

kienu qed jghidulha li kienu ser ihalluha hemm. Lanqas ma hu veru dak li gie allegat li taghha bewsa fuq haddejja waqt li kienu fil-karozza.

Jinsisti li fil-garaxx hadha biex tara il-mutur biss u huwa ma dahal fil-garaxx, fl-ebda hin. Jichad ukoll li ghannaqha qabel ma telqet ma' ommha u missierha. Jichad li f'xi hin kien qalilha li kellu jmur jigbor xi haga mill-garaxx.

Semghet ukoll l-unika xhud mressqa mid-difiza u cioe' il-partner tal-akkuzat **<u>Omissis F</u>**. Din xehedet nhar is-6 t' Ottubru, 2023 fejn qalet li ilha f'relazzjoni ma' Omissis A ghaxar snin. Tghid li taf li ghandu garaxx il-Hamrun u garaxx iehor bil-kera iz-Zejtun. Tghid li gieli marret mieghu fiz-zewg garaxxijiet. Tghid li ma taf li nbidel xejn fiz-zewg garaxxijiet minn mindu sehh l-allegat incident. Tispjega li l-garaxx taz-Zejtun jinsab fil-vicinanzi tad-dar taghha u quddiem dan il-garaxx hemm garaxx iehor ta' certu Joey fejn hemm camera zghira hafna li xi kultant wiehed qas jinduna li hi camera.

Qalet li dakinhar tad-29 ta' Mejju, 2021 Omissis A u Omissis B ma damux iktar minn kwarta/ghoxrin minuta sabiex waslu lura bil-pizzez u l-ikel kien tajjeb u shun tant li bdew jiekluh minnufih. Tghid li hi qatt ma rat xi xemgha jew dawl fil-garaxx taz-Zejtun u tghid li m'hemm l-ebda elettriku fih. Cavetta ghall-garaxx taz-Zejtun tghid li hi u t-tfal taghha ma ghandhomx u ma tafx min ghandu kopja jekk hux ukoll sid il-kera. Ma tafx jekk pendenti dawn il-proceduri l-akkuzat kienx ghadda xi cavetta ta' dan il-garaxx.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment,</u>**

L-akkuzat irrilaxxa stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni b'mod audio viziv u din giet morija lil Qorti waqt il-mori ta' dan il-guri. Jirrizulta, in effetti, illi hu gie nvestigat ftit jiem wara li Omissis B ghamlet ir-rapport taghha u li hu rrilaxxa l-istqarrija tieghu, wara li gie mgharraf bid-drittijiet tieghu, fosthom id-dritt tas-silenzju u cioe' li ma kienx obbligat li jwiegeb ghad-domandi li sarulu. Jirrizulta illi l-akkuzat oghgbu jwiegeb ghad-domandi kollha li gew imposti lilu, kemm dawk ta' natura

generali, kif ukoll dawk li setghu kienu nkriminanti. L-akkuzat deher kalm u vociferu fir-risposti tieghu. Fl-ebda hin ma deher apprensiv jew titubanti fit-twegibiet li hu ta, ghall-kuntrarju hu deher assertiv f'dak li wiegeb u ma ddejaq xejn iwiegeb b'mod kotegoriku d-domandi li sarulu li setghu jinkriminawh. Il-pulizija bdiet bl-interrogatorju taghha billi staqsietu domandi ta' natura generali fosthom l-eta, indirizz, passatempi u xi domandi simili ohra. Imbghad iddiregiet d-domandi taghha ghal li jekk jafx lil Omissis B, kif jafha u x'relazzjoni, jekk ghandu, kellu maghha. Dan spjega bla tlaqliq li jaf lil Omissis B bhala t-tifla t'oht il-partner tieghu, jghid li ilu jafha ghal snin shah u gieli jiltaqgha maghha gewwa d-dar tal-partner tieghu u gieli fid-dar tal-genituri taghha. Jispjega jew ahjar jikkonferma li nhar id-29 ta' Mejju, 2021 fejn hu akkompanja lil Omissis B gewwa l-garaxx tieghu fiz-Zejtun sabiex joriha l-mutur li kien ghadu kemm xtara u dan fuq insistenza taghha. Hu jghid li fl-ebda hin ma dahal fil-garaxx maghha u jichad b'mod kategoriku li qatt f'xi hin kellu xi attivita' sesswali maghha. Jikkonferma li kienet kellmitu fuq relazzjoni sesswali li hi kellha mal-*boyfriend* taghha. Jikkonferma wkoll illi kienet marret mieghu sabiex jigbru l-pizzez u li rritornaw lura bihom fid-dar ta' Omissis F ftit wara li ha lil Omissis B sabiex tara l-mutur. Jghid fil-fatt meta jigi allegat li hu wera l-parti tieghu lil Omissis B, din kienet biss storja vvintata mill-istess Omissis B. Jikkonferma wkoll illi wara li kielu l-pizzez hu nizel bit-tarag flimkien ma' Omissis B sabiex jghin lill-genituri taghha, waqt li l-genituri taghha nizlu bil-lift flimkien ma binthom iz-zghira Jade li ghandha bzonnijiet specjali. Jichad li hu kellu ritratti tieghu ma' Omissis F imdendla fil-garaxx taz-Zejtun, minkejja li Omissis B tghid li dawn kienu jinsabu mdendla mal-hajt man-naha tal-lemin, int u tidhol fil-garaxx.

Jirrizulta mill-atti illi f'dan il-kaz ma nfethet l-ebda inkjesta minkejja li l-allegat aggressur kien maghruf ghaliex kien gie identifikat u minkejja l-fatt li f'kaz ta' proceduri l-Qorti u sejba ta' htija, l-piena kienet wahda in eccess ta' tlett snin habs. Illi dan hu nuqqas kbir min-naha tal-prosekuzzjoni ghaliex fl-atti tal-inkjesta setghu gew migbura u ppreservati aktar provi li jikkollaboraw jew icahdu l-verzjoni tax-xhieda moghtija miz-zewg protagonisti. Bizejjed jinghad illi f'dan il-process lanqas ma hawn ritratti ta'dan il-garaxx fejn allegatament sehhew xi atti sesswali minkejja li x-xhud

minuri Omissis B giet mitluba tpingi l-kontenut tal-garaxx. Illi kien jispetta lil prosekuzzjoni fl-istadju tal-investigazzjoni sabiex tikkonferma l-pjanata maghmula mix-xhud Omissis B, esebita fl-atti a fol. 177 u mmarkata bhala Dok AT1, kinitx tirrifletti dak li verament kien hemm fil-garaxx dakinhar ta' 29 ta' Mejju, 2021. M'hemmx dubbju li l-prosekuzzjoni hasset il-htiega li ssaqsi lil Omissis B dwar dan il-garaxx tant li stednita taghmel tpingija tal-istess. Filfatt jista' jinghad li hawnhekk id-difiza ressqet prova min-naha taghha biex tikkonferma li l-garaxx in kwistjoni kien ghadu l-istess kif kien fiz-zmien tal-allegat incident. Id-difiza fil-fatt tghid u tressaq xhud biex tikkonfermali fil-garaxx in kwistjoni ma kienx hemm roti mdendlin u lanqas ma kien hemm ritratti tal-akkuzat wahdu u/jew flimkien mal-partner tieghu Omissis F imdendla ma hajt. Permezz ta' dan ix-xhud Omissis F, id-difiza ppruvat zgur sal-grad tal-probbabli li f'dan il-garaxx roti mdendla ma kienx hemm u lanqas ritratti ma hajt, kuntrarjament ghal dak li stqarret Omissis B. Gie stabbilit ukoll bl-access illi ritratti ta' dan il-generu ma kienx hemm, post fejn jidendlu z-zewg roti ma kienx hemm u li veru fuq in-naha tax-xellug tal-hajt int u diehel fil-garaxx hemm kurcifiss, ritratt tal-bambin u santa tal-mejtin.

Jirrizulta wkoll illi kien hemm nuqqas iehor ukoll lampanti fir-rigward tat-tehid ta' xhieda tal-minuri, qabel ma xehedet il-Qorti quddiem il-Magistrat, li ma gietx adoperata s-sistema msemmija fil-*Council of Europe Convention on the Protection of Children against Sexual Exploitation and Sexual Abuse* maghrufa bhala l-Lanzerote Convention, kif sewwa osservat id-difiza. Din il-Qorti thoss li ghandha tirriproduci dak li jipprovdi l-Artikolu 35 ta' din il-Konvenzjoni, propju ta' kif ghandhom isiru l-intervisti jew ahjar interrogatorji ta' xhieda minuri:

> *'Article 35 – Interviews with the child*
>
> *1. Each Party shall take the necessary legislative or other measures to ensure that:*

*a. interviews with the child take place without unjustified delay after the facts have been reported to the competent authorities;*
*b. interviews with the child take place, where necessary, in premises designed or adapted for this purpose;*
*c. interviews with the child are carried out by professionals trained for this purpose;*
*d. the same persons, if possible and where appropriate, conduct all interviews with the child;*
*e. the number of interviews is as limited as possible and in so far as strictly necessary for the purpose of criminal proceedings;*
*f. the child may be accompanied by his or her legal representative or, where appropriate, an adult of his or her choice, unless a reasoned decision has been made to the contrary in respect of that person*

*2. Each Party shall take the necessary legislative or other measures to ensure that all interviews with the victim or, where appropriate, those with a child witness, may be videotaped and that these videotaped interviews may be accepted as evidence during the court proceedings, according to the rules provided by its internal law.'*

Jinghad qabel xejn li din il-Konvenzjoni giet ratifikata minn Malta fis-sena 2011 pero minkejja dan, ix-xhieda mehuda tal-minuri ma saritx skond din il-Konvenzjoni. Jigi mfakkar illi r-rapport li sar minn Omissis B lil LSA Marvic Mifsud sar fuq bank barra l-klassi fejn kien hemm diversi studenti ohrajn isegwu lezzjonijiet. Jirrizulta li Marvic Mifsud semghet lil Omissis B b'nuqqas ta' professjonalita billi rrekordjat ix-xhieda taghha fuq il-mobile personali taghha minghajr il-kunsens taghha u minghajr ma tali xhud giet mgharrfa b'importanza li tghid il-verita' u l-verita' biss. F'din ix-xhieda jirrizulta li Omissis B kienet qisha qed tirrakonta storja b'certu entuzjazmu minghajr biza u bi pjacir. Jidher li Omissis B ma kienitx misthija sabiex tispjega dak li allegatament ghaddiet minnu u sahansitra anke tghid lil LSA taghha li din ma kienitx l-ewwel darba taghha li esperjenzat attivita' sesswali. Illi minkejja li l-konvenzjoni

tipprovdi li jkun idoneu li minuri tkun assistita minn persuna adulta waqt li taghti rendikont ta' dak li tkun ghaddiet minnu, ma jirrizultax li dan sehh.

Illi in segwitu ta' din ix-xhieda jirrizulta li ghal darb'ohra l-minuri giet mitkellma minn Spettur, fl-ufficju tal-Kap tal-iskola, li wkoll mhux post adattat ghas-smiegh u tehid ta' tali xhieda. Minkejja li ma jirrizultax li xhud f'xi hin kienet retissenti li taghti x-xhieda taghha, xorta wahda tali xhieda missha nghatat f'sitwazzjoni u cirkostanzi idonea ghat-tehid tax-xhieda. Din kienet it-tieni darba li l-minuri taghat il-verzjoni taghha. Din ix-xhieda wkoll ma ttehditx b'mod audio-viziv u kien biss meta xehedet quddiem l-Ewwel Qorti, fl-atti tal-kumpilazzjoni nhar is-17 ta' Gunju, 2021 meta xehedet b'mod audio-viziv mis-sigrieta tal-Magistrat, fin-nuqqas t'adult maghzul minnha. Illi dawn huma nuqqasijiet li ma ghandhomx isiru fl-ebda kaz u molto piu' meta tqies li Malta rratifikat din il-Konvenzjoni tnax-il sena ilu u li tali pprovedimenti huma hemm fl-interess tal-istess minuri. Il-Qorti tattira l-attenzjoni ghal dan in-nuqqas sever sabiex ma jkunx hemm repetizzjoni ta' kif minuri tigi mitluba taghti x-xhieda taghha.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment;</u>**

Kif inghad *supra*, din il-Qorti hi rinfaccata b'zewg verzjonijiet ta'dak li bilhaqq seta' sehh nhar id-29 ta' Mejju, 2021 filghaxija gewwa garaxx iz-Zejtun. Filwaqt illi l-minuri Omissis B tallega illi kien hemm attivitajiet ta' natura sesswali fil-prezenza u fuq il-persuna taghha, kkawzati minn Omissis A, dan tal-ahhar qed jinnega b'mod assolut dan kollu.

Ix-xhud Dr Taylor East nominata mill-Ewwel Qorti fuq tal-talba mid-difiza sabiex tezamina lil Omissis B tikkonferma li Omissis B hija persuna vulnerabbli u dan ghaliex tbati minn ADHD, kif ukoll tbati minn certu *fits*. Tiddeskrivi lil Omissis B bhala persuna *'who figits a lot'* u meta tinsab taht pressjoni jew tkun naqra anzjuza, tibda tigref lilha nnifisha. Tghid ukoll li meta persuna tigi mitluba taghti x-xhieda taghha l-Qorti, *di solito*, tali peruna normali li tkun mahkuma minn xi ftit anzjeta.

Meta l-Qorti rat il-komportament tax-xhud quddiem il-Magistrat, rat li kienet kunfidenti, kalma u komposta li wiegbet id-domandi kollha u fl-ebda hin ma deheret skomda jew imbezza. Kien biss f'zewg mumenti mbghedin minn xulxin li din il-Qorti setghet tinnota l-minuri titanta tigref lilha nnifisha. Tghid illi Omissis B hi misthija meta tiltaqa' ma' nies l-ewwel darba,[25] madankollu meta ltaqghet mal-Magistrat sabiex tixhed ma dehritx misthija, tant hu hekk li sahansitra anke talbitha l-ilma f'zewg okkazzjonijiet. Mhux talli ma kienitx misthija, izda hassitha komda hafna tant li kkumplimentata fuq diffrejha. Tghid illi Omissis B jaqbduha *fits* meta tkun taht pressjoni jew fi stat t'ecitament, izda kemm meta xehedet quddiem l-Ewwel Qorti u kif ukoll meta tkellmet mal-LSA deheret komposta u taf x'inhi tghid. Il-konjugi wkoll jghidu li binthom Omissis B jaqbduha fits meta tecita ruhha hafna, tant u hekk li lanqas ma qalulha li kienu ser jiehduha *weekend break*, halli ma jecitawiex izzejjed. Omissis B tiddeskrivi lilha nnifisha bil-friefet fl-istonku, meta tispjega dak li allegatament ghaddiet minnu bhala rizultat t'ecitament. Minkejja dan baqghet komposta fil-hin ta' wara li allegatament sehhew dawn l-affarijiet.

Dr Taylor East tghid li persuna fit-triq tista' tikkunsidra persuna li tbati minn ADHD bhala fitta. F'dan il-kuntest kemm il-Kap tal-iskola sahansitra irreferiet ghal Omissis B wkoll bhala fitta u tghid li hi persuna bla *boundaries* u dak kollu li jigiha f'mohha tghidu. Omissis A jiddeskrivi lil Omissis B wkoll bhala persuna persistenti, tant li kellu jwaqqafha milli tilghab bl-switch tal-karozza huma u sejrin ghal pizzez u kellu jikkuntentaha sabiex tmur tara l-mutur, izda mbghad waqfilha minkejja l-insistenza taghha meta gie mitlub jakkumpanjaha l-bandli. F'dan ir-rigward u cioe', dwar l-insistenza taghha li tmur il-bandli anke ommha kellha twaqqafha.

Jirrizulta li Omissis B gieli tigdeb kif ammess minnha stess meta tghid li gieli tigdeb gideb zghir u gieli tigdeb gideb kbir. Dwar dan, kemm ommha, kif ukoll missierha jikkonfermaw li gieli tigdeb bhal per ezempju meta tghidilhom li sejra l-bandli u minflok tmur il-pjazza. Jirrizulta wkoll fil-fatt li ftit qabel dan l-incident, Omissis B kienet lesta li tilghab loghoba goffa fuq missierha u tghid li kien immolesta meta dan

[25] Fol. 135 et seq tal-process.

ma kienx minnhu. Kemm missierha, kif ukoll ommha jikkonfermaw din l-istorja u Omissis C jzid jghid li hass ruhu mwegga' hafna. Il-Qorti taghat kunsiderazzjoni qawwija ghal dawn iz-zewg punti, u cioe' li l-minuri kapaci tigdeb u tivvinta storja serja hafna anke fil-konfront ta' missierha l-ghaziz u dan bla ma l-genituri taghha qalu li kellha xi forma ta' rimors.

Ma hemmx dubbju li Omissis B hija persuna jew ghaddiet minn esperjenzi sesswali, kif tghid hi stess ma certu Jamie, jew li ghandha immaginazzjoni fertili li fil-fatt dawn l-attivitajiet sehhew. Omissis B tghid, li hija kellha penetrazzjoni vaginali, anali u orali ma' dan Jamie, pero' l-Prosekuzzjoni fl-ebda hin ma nvestigat din l-allegazzjoni u naqqset li tkellem lil dan Jamie. Jirrizulta li Omissis B qalet b'dan kollu lill-Espert tal-Qorti Dr Astrid Camilleri fil-prezenza t'ommha. Dwar dan missierha jghid li ma jaf xejn, u lanqas ma jaf bl-ezistenza ta' Jamie, waqt li l-omm ghall-ewwel tichad li kienet taf li bintha kellha din l-attivita' sesswali, pero' aktar tard tikkonferma li saret taf b'dan kollu fil-bidu tal-investigazzjoni meta t-tifla kienet qed tigi mitkellma mill-Ispettur. Omissis B tghid li kellha penetrazzjoni mal-akkuzat billi l-akkuzat b'idejh pogga l-organu tieghu fil-vagina taghha u tghid ukoll li kien hemm sess orali. Fl-ebda hin ma tghid li kienet imdejqa, pjuttost tghid li kienet kuntenta ghax hasset li kienet mahbuba u ziedet tghid li xtaqet li jkollha sess anali wkoll mal-akkuzat Omissis A. Il-Qorti ghalhekk issibha difficli temminha meta tghid li kienet qed tibki dakinhar filghaxija fil-kamra taghha, molto piu' meta tqis li kemm ommha u kemm missierha qalu li t-tifla deheret normali, kemm waqt li kienet qed tiekol il-pizza, kif ukoll wara meta marru d-dar u sahansitra l-ghada.

Jidher li din it-tifla minkejja l-eta' tenera taghha tidher li kienet tifantasizza u tinteressa ruhha f'dak kollu relatat ma'mhabba u sess. Jirrizulta li hi kienet li tkellmet mal-akkuzat dwar ir-relazzjoni taghha ma' l-*boyfriend* u x'kienet taghmel mieghu, dan hu ammess minn Omissis A stess. Jirrizulta li kienet hi li bdiet titkellem fuq *french kiss* mal-akkuzat, kif mistqarr minnha stess u ammess mill-akkuzat. Li kienet hi li kitbet ittra t'imhabba lill-certu Enrico u li sahansitra li batitlu messagg permezz tal-midja socjali jekk kienx ghadu qed jahsibha, peress li dan kien qalilha li qed

jahsibha u ommha hassritilha. Illi ddiskrevit lill-akkuzat, ragel anzjan ta' hamsa u sittin sena bhala muskolat u li tixtieq lill-gharus taghha jkun bhalu. Fuq il-media socjali sahansitra kitbet li trid li jkollha *boyfriend* minkejja li kella hdax-il sena. Il-Qorti tifhem illi dan hu zmien ta' adoloxxenza, pero' dak kollu li qed jinghad *supra* zgur mhux ragonevoli li jsehh jew jinghad minn tifla ta' hdax-il sena li kif jirrizulta mill-atti fil-maggorparti ta' hajjitha dejjem tkun fil-kumpanija tal-genituri taghha. Irid jigi mfakkar li din it-tifla, kif ikkonfermat mill-Kap tal-iskola tkun ga attendiet numru ta' lezzjonijiet minn snin qabel fejn giet mghallma dwar suggetti relatati mas-sess u ghalhekk kuntrarjament ghal dak li qalet il-prosekuzzjoni mhux ta' minn lewn id-dinja li Omissis B tkun tista' tispjega ruhha fir-rigward tal-organu sesswali ta' ragel.

Jirrizulta li fl-atti hemm inkonsistenza dwar kemm effetivament damu sabiex jirritornaw lura bil-pizza fil-fond tas-Sinjura Omissis F, dakinhar tad-29 ta' Mejju, 2021. Illi minkejja li l-prosekuzzjoni setghet tistabilixxi certu hin bi precizjoni, per ezempju l-hin meta Omissis A cempel ghall-pizza, jew meta tal-pizzez cemplu sabiex dawn setghu jingabru, dan ma sarx u ghalhekk il-Qorti trid tistrieh fuq il-hinijiet moghtija mix-xhieda li xehedu. Illi f'dan ir-rigward jidher li hemm xi diskrepanzi u dan ghaliex ix-xhieda ma jaqblux ma xulxin, jirrizulta pero' li filwaqt li l-genituri ta' Omissis B jghidu li Omissis B u Omissis A ittardjaw minn nofs siegha sa tlett kwarti, ma lmentawx li l-pizza kienet kiesha. Filwaqt li Omissis F tghid li dakinhar Omissis A u Omissis B damu biss madwar kwarta/ghoxrin minuta, tant li l-pizza kienet ghadha shuna. Din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq il-hin moghti minn Omissis B, ghaliex jidher li ma ghandiex idea ta'hin. Dan qed jinghad ghaliex qalet li damu xi hames sieghat ifittxu l-garaxx, meta s-surgent qal li kienu damu madwar ghoxrin minuta. Ghalhekk din il-Qorti hi wkoll sprovista mill-hin attwali ta' kemm damu Omissis A u Omissis B meta hargu jigbru l-pizzez. Din il-Qorti zammet access fuq il-post u marret minn hdejn ir-residenza ta' Omissis F sal-hanut Istanbul House u wara sal-garaxx iz-Zejtun u finalment lura lejn ir-residenza ta' Omissis F. Il-Qorti nnutat li d-distanzi bejn id-dar ta' Omissis F u Istanbul House u d-distanza bejn dan tal-ahhar u l-garaxx ma kinux daqstant vicini u ghalhekk considerando li d-29 ta' Mejju, 2021 kien jum is-Sibt meta jkun hemm it-traffiku fit-triq u n-nies jixtru minn dan il-hanut, il-hin ta ' nofs

siegha kif semmew il-konjugi, huwa hin reali. Omissis A jghid li hu fl-ebda hin ma dahal fil-garaxx, izda li mar fil-garaxx fetah il-bieb, u halla lil Omissis B tidhol sabiex tara l-mutur sforz l-insistenza taghha. Li kieku l-prosekuzzjoni pprezentat il-filmat tal-camera li kien hemm fuq il-garaxx, faccata l-garaxx tal-akkuzat, dan il-fattur setgha jigi stabbilit b'aktar konvinzjoni. Hawnhekk il-Qorti ma taqbilx mal-prosekuzzjoni li tghid li l-akkuzat messu talab li jigi mehud dan il-filmat u dan in omagg mal-pricipju li hi l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha - *semper necessitas probandi incumbit ei qui agit.*

Illi waqt l-access li nzamm fil-garaxx taz-Zejtun, wara is-7.00pm, il-Qorti nnutat li ma kien hemm ebda elettriku u li kien hemm id-dlam. Bil-bieb maghluq hemm dlam cappa, ma tarax art u bil-bieb imbexxaq tara ftit, pero' zgur ma tarax ucuh ta' nies fuq ritratti. Illi jirrizulta li kien ikun difficli ghal Omissis B tara verament jekk l-organu ta' Omissis A kienx ippuntat lejha jew l-isfel, kienx ohxon jew irqiq ghaliex il-vista ma kienitx wahda cara. Daqstant iehor kien ikun difficli ghaliha li tara l-kulur u t-tip tal-qalziet ta' taht ta' Omissis A, u probabli ghalhekk ma tiftakarx f'dan ir-rigward. Il-prosekuzzjoni tghid li setgha kien hemm id-dwal tal-gallariji sovroposti, madankollu, jinghad illi l-garaxx in kwisjoni jinstab taht saqaf ta' mina u mhux sovrapost ghall-apert ghall-gallariji.

Illi jigi mfakkar illi l-livell ta' prova li trid tilhaq id-difiza hija dik tal-probabbli, filwaqt li l-livell tal-prosekuzzjoni hija livell ghola u cioe' 'l hinn kull dubbju dettat mir-raguni. Il-Qorti ma thossx li l-prosekuzzjoni lahqet il-livell mistenni minnha 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Din il-Qorti ghad ghandha d-dubbji serji taghha jekk verament l-akkuzat ghamilx atti sesswali mal-vittma. Ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha ssib lill-akkuzat hati tal-akkuzi mahruga fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**